

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 18

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

24 ta' Jannar 2009

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2009/C 18/01 Awtorizzazzjoni ta' l-għajjnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ⁽¹⁾ 1

Bank Ċentrali Ewropew

2009/C 18/02 Ftehim tal-31 ta' Diċembru 2008 bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u n-Národná banka Slovenska rigward il-klejm ikkreditata lin-Národná banka Slovenska mill-Bank Ċentrali Ewropew skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew 3

2009/C 18/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5435 — Nexans/SEI/Opticable) ⁽¹⁾ 5

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

Kunsill

2009/C 18/04 Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet futuri għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) 6

2009/C 18/05 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija Ewropea għall-kooperazzjoni internazzjonali xjentifika u teknoloġika 11

MT

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
Kummissjoni		
2009/C 18/06	Rata tal-kambju ta' l-euro	14
INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI		
2009/C 18/07	Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001	15
2009/C 18/08	Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001	19
<hr/>		
V	Avviżi	
PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI		
Kummissjoni		
2009/C 18/09	Sejħa għal proposti — Programm Konġunt Armonizzat tal-Unjoni Ewropea ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi	22
2009/C 18/10	Sejħa għal proposti — DG EAC/01/09 — Tempus IV — Riforma tal-edukazzjoni ogħla permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali bejn l-universitajiet	31
PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI		
Kummissjoni		
2009/C 18/11	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5313 — Serendipity Investment/Eurosport/JV) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	33
2009/C 18/12	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5463 — Hitachi/Hitachi Koki) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata ⁽¹⁾	34
<hr/>		
Nota lill-qarrej (Ara paġna 3 tal-qoxra)		



⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 18/01)

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	5.11.2008
Għajnuna Nru	N 237/08
Stat Membru	Il-Ġermanja
Reġjun	Niedersachsen
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Broadband support in Niedersachsen
Il-bażi legali	Richtlinie über die Gewährung von Zuwendungen zur Förderung breitbandiger elektronischer Kommunikation (Breitbandförderung Niedersachsen) Haushaltsgesetze des Landes Niedersachsen Landeshaushaltsordnung (LHO); Verwaltungsvorschriften zu § 44 LHO Allgemeine Nebenbestimmungen zu § 44 LHO Operationelles EFRE-Programm „Regionale Wettbewerbsfähigkeit und Beschäftigung“ 2007-2013 des Landes Niedersachsen
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Żvilupp reġjonali, Żvilupp settorjali
Il-forma ta' l-għajnuna	Għotja diretta
L-Estimi	Baġit globali: EUR 16,4 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	Sal-31.12.2015
Setturi ekonomiċi	Il-posta u t-telekomunikazzjonijiet

Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Investitions- und Förderbank Niedersachsen GmbH — Nbank Günther-Wagner-Allee 12-14 30177 Hannover DEUTSCHLAND
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni	10.12.2008
Għajnuna Nru	N 508/08
Stat Membru	Ir-Renju Unit
Reġjun	Northern Ireland
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Provision of Remote Broadband Services in Northern Ireland
Il-bażi legali	Communications Act 2003, Chapter 29 Section 149, Grants by Department of Enterprise Trade and Investment
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajnuna
L-għan	Żvilupp reġjonali
Il-forma ta' l-għajnuna	Għotja diretta
L-Estimi	Baġit globali: GBP 1,1 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	31.1.2009-31.3.2012
Setturi ekonomiċi	Il-posta u t-telekomunikazzjonijiet
Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Department of Enterprise Trade & Investment Netherleigh Massey Avenue Belfast BT4 2JP UNITED KINGDOM
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

BANK ĊENTRALI EWROPEW

FTEHIM

tal-31 ta' Diċembru 2008

bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u n-Národná banka Slovenska rigward il-klejm ikkreditata lin-Národná banka Slovenska mill-Bank Ċentrali Ewropew skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2009/C 18/02)

IN-NÁRODNÁ BANKA SLOVENSKA U L-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33 tal-31 ta' Diċembru 2008, dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' l-assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjonijiet min-Národná banka Slovenska għar-riżervi u l-provvisti tal-Bank Ċentrali Ewropew⁽¹⁾, l-ammont aggregat ekwivalenti għall-euro ta' assi barranin ta' riżerva li n-Národná banka Slovenska għandu jittrasferixxi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, skond l-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ") huwa ta' EUR 443 086 155,98.

(2) Skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 4 (1) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33, b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, il-BĊE għandu jikkredita lin-Národná banka Slovenska bi klejm iddenominata fl-euro ekwivalenti għall-ammont aggregat u ddenominat fl-euro tal-kontribuzzjoni tan-Národná banka Slovenska ta' assi barranin ta' riżerva, skond l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni. Il-BĊE u n-Národná banka Slovenska jaqblu li jstabbilixxu l-klejm tan-Národná banka Slovenska għall-ammont ta' EUR 399 443 637,59, sabiex jiġi żgurat li l-proporzjon bejn l-ammont fl-euro tal-klejm tan-Národná banka Slovenska u l-ammont aggregat iddenominat fl-euro tal-klejms ikkreditati lill-banek ċentrali nazzjonali l-oħra ta' l-Istati Membri li diġà adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem "il-BĊNi parteċipanti"), ikun indaq mal-proporzjon bejn il-piż tan-Národná banka Slovenska fl-iskema kapitali tal-BĊE u l-piż aggregat tal-BĊNi parteċipanti l-oħra f'din l-iskema.

(3) Id-differenza bejn l-ammonti msemmija fir-*recitals* 1 u 2 tirriżulta: (i) mill-applikazzjoni għall-valur ta' l-assi barranin ta' riżerva ttrasferiti diġà min-Národná banka Slovenska skond l-Artikolu 30.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, tar-rati tal-kambju kurrenti msemmija fl-Artikolu 49.1 ta' l-Istatut tas-SEBĊ; u (ii) mill-effett fuq il-klejms skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ li l-BĊNi parteċipanti

l-oħra kellhom, ta' l-aġġustamenti ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Jannar 2004 u l-1 ta' Jannar 2009, skond l-Artikolu 29.3 ta' l-Istatut SEBĊ u t-tkabbir ta' l-iskema kapitali tal-BĊE fl-1 ta' Mejju 2004 u fl-1 ta' Jannar 2007, skond l-Artikolu 49.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ.

(4) Minħabba d-differenza hawn fuq imsemmija, il-BĊE u n-Národná banka Slovenska jaqblu li l-klejm tan-Národná banka Slovenska tista' titnaqqas billi jitpaċa kontriha l-ammont li n-Národná banka Slovenska għandu jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvisti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33, fil-każ li l-klejm tan-Národná banka Slovenska hija akbar mill-ammont ta' EUR 399 443 637,59.

(5) Il-BĊE u n-Národná banka Slovenska għandhom jaqblu dwar modalitajiet oħra għall-ikkreditar tal-klejm tan-Národná banka Slovenska, waqt li jiġi kkunsidrat li, skond il-movimenti tar-rata tal-kambju, jista' jinħtieġ li l-klejm tiżdied aktar milli titnaqqas għall-ammont imsemmi fir-*recital* 2.

(6) Il-Kunsill Governattiv approva li l-BĊE isir parti minn dan il-Ftehim, li jittratta deċiżjoni li għandha tittieħed skond l-Artikolu 30 ta' l-Istatut tas-SEBĊ, skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10.3 ta' l-Istatut SEBĊ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Modalitajiet għall-ikkreditar tal-klejm tan-Národná banka Slovenska

1. Jekk l-ammont tal-klejm li l-BĊE għandu jikkredita lin-Národná banka Slovenska skond l-Artikolu 30.3 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33 (minn issa 'l quddiem "il-klejm") huwa akbar minn EUR 399 443 637,59 fid-data finali li fiha l-BĊE jirċievi l-assi barranin ta' riżerva min-Národná banka Slovenska skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

BĊE/2008/33, allura l-ammont tal-klejm għandu jitnaqqas b'effett minn dik id-data għal EUR 399 443 637,59. Dan it-tnaqqis għandu jsir billi, l-ammont li n-Národná banka Slovenska għandu jikkontribwixxi għar-riżervi u l-provvisti tal-BĊE b'effett mill-1 ta' Jannar 2009, skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33, jitpaċa kontra l-klejm. L-ammont paċut għandu jkun ittrattat bħala kontribuzzjoni minn qabel għar-riżervi u l-provvisti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22, li għandha titqies li tkun saret fid-data ta' dik it-tpaċija.

2. Jekk l-ammont li għandu jiġi kkontribwit min-Národná banka Slovenska għar-riżervi u l-provvisti tal-BĊE skond l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33 huwa anqas mid-differenza bejn l-ammont tal-klejm tan-Národná banka Slovenska u EUR 339 443 637,59, allura l-ammont tal-klejm għandu jitnaqqas għal EUR 339 443 637,59: (i) billi jitpaċa skond il-paragrafu 1 hawn fuq; u (ii) billi l-BĊE iħallas lin-Národná banka Slovenska ammont fl-euro daqs l-ammont tad-defiċit li jifdal wara din it-tpaċija. Kull ammont li jrid jitħallas mill-BĊE skond dan il-paragrafu għandu jkun dovut b'effett mill-1 ta' Jannar 2009. Il-BĊE għandu, sadanittant, jagħti struzzjonijiet għat-trasferiment ta' dan l-ammont, u ta' l-imgħax nett akkumulat fuq dan l-ammont, permezz tas-sistema *Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer* (TARGET2). L-imgħax akkumulat għandu jkun ikkalkulat kuljum, bl-użu tal-metodu ta' kalkulazzjoni "*actual over 360-day*" b'rata daqs ir-rata ta' l-imgħax marġinali wżata mill-Eurosistema fl-operazzjoni prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid l-aktar riċenti tagħha.

3. Jekk l-ammont tal-klejm tan-Národná banka Slovenska huwa anqas minn EUR 339 443 637,59 fid-data finali li fiha l-BĊE jirċievi l-assi barranin ta' riżerva min-Národná banka Slovenska skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33, allura l-ammont tal-klejm għandu jżied f'dik id-data għal EUR 339 443 637,59 u n-Národná banka Slovenska għandu jħallas lill-BĊE ammont fl-euro daqs id-differenza. Kull ammont li għandu jitħallas min-Národná banka Slovenska skond dan il-paragrafu għandu jkun dovut mill-1 ta' Jannar 2009, u għandu jitħallas skond il-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 5(4) u (5) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009.
2. Dan il-Ftehim għandu jitħejja f'żewġ kopji oriġinali u ffirmati bl-Ingliż. Il-BĊE u n- għandhom iżommu kopja oriġinali kull wieħed.

Magħmul fi Frankfurt am Main, fil-31 ta' Diċembru 2008.

Għal Národná banka Slovenska

Ivan ŠRAMKO

Gvernatur

Għall-Bank Ċentrali Ewropew

Jean-Claude TRICHET

President

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.5435 — Nexans/SEI/Opticable)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 18/03)

Fis-16 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ingliż u se jkun ippubblikat wara li jkun mehlu minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

- mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (<http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/>). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,
 - f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32009M5435. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (<http://eur-lex.europa.eu>).
-

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

KUNSILL

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prijoritajiet futuri għal kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV)

(2009/C 18/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGħIN FIL-KUNSILL,

jiżviluppaw dawn il-kompetenzi f'livell li jikkostitwixxi bażi suffiċjenti għal aktar tagħlim u għall-ħajja tax-xogħol.

KONXJI li:

1. Fit-12 ta' Novembru 2002, il-Kunsill approva Riżoluzzjoni dwar il-promozzjoni ta' kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali⁽¹⁾. Sussegwentement din serviet bħala l-bażi għad-dikjarazzjoni adottata mill-Ministri responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) tal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi membri tal-EFTA/ŻEE u l-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni, kif ukoll il-Kummissjoni u s-sħab soċjali Ewropej fil-laqgħa tagħhom f'Kopenhagen fid-29 u t-30 ta' Novembru 2002, bħala l-istrateġija għat-titjib tal-prestazzjoni, il-kwalità u l-attrattività tal-ETV, imsemmija ta' spiss bħala "l-proċess ta' Kopenhagen".
2. L-ewwel revizzjoni tal-proċess li saret f'Maastricht fl-14 ta' Diċembru 2004⁽²⁾ nnotat b'mod partikolari li sar progress fl-iżvilupp ta' numru ta' għodod komuni u prinċipji, u rabtet il-proċess b'mod qawwi mal-Istrateġija ta' Lisbona u l-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ". It-tieni revizzjoni mwettqqa f'Helsinki fil-5 ta' Diċembru 2006⁽³⁾ enfasiztat il-ħtieġa li jinżamm impetu u li tiġi żgurata implimentazzjoni kontinwa tal-prinċipji u l-istrumenti adottati.
3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja⁽⁴⁾ tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-provvediment ta' kompetenzi ewlenin għal kulħadd bħala parti tal-istrateġiji tagħhom għat-tagħlim tul il-ħajja, sabiex joffru liż-żgħażaġħ kollha l-mezzi biex
4. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2007 dwar qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' referenza għas-segwitu tal-progress miksub lejn l-oġġettivi ta' Lisbona fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ⁽⁵⁾ jafferemaw mill-ġdid il-ħtieġa li titkomplu tittejjeb il-kwalità tad-data prodotta mis-Sistema ta' Statistika Ewropea
5. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2007 dwar kompetenzi ġodda għal impjiegi ġodda⁽⁶⁾ tissottolinja l-urġenza tal-antiċipazzjoni ta' kompetenzi futuri meħtieġa għat-tħejjija ta' ħaddiema għal impjiegi ġodda f'soċjetà ta' għarfien, billi jiġu implimentati miżuri mmirati li jlaħħqu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi mal-ħtieġiet tal-ekonomija u jirrimedjaw nuqqasijiet possibbli.
6. Ir-Rapport ta' Progress Konġunt 2008 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010"⁽⁷⁾ jenfasizza li hi meħtieġa aktar ħidma biex tittejjeb il-kwalità u l-attrattività tal-ETV, u li l-ħidma fuq il-qafas strateġiku aġġornat għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ għandha tibda.
7. Il-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008⁽⁸⁾ stipula l-prijoritajiet għall-2008-2010 u enfasizza l-fatt li "investment akbar u aktar effettiv fil-kapital uman u fil-kreattività matul il-ħajja kollha tan-nies huma kondizzjonijiet kruċjali għas-suċċess tal-Ewropa f'dinja globalizzata". B'rispons għaż-żieda fin-nuqqas ta' ħiliet f'numru ta' setturi, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tippreżenta valutazzjoni komprensiva tal-ħtieġiet

⁽¹⁾ ĠU C 13, 18.1.2003, p. 2.⁽²⁾ Dok. tal-Kunsill 9599/04.⁽³⁾ ĠU C 298, 8.12.2006.⁽⁴⁾ ĠUL 394, 30.12.2006, p. 10.⁽⁵⁾ ĠU C 311, 21.12.2007, p. 13.⁽⁶⁾ ĠU C 290, 4.12.2007, p. 1.⁽⁷⁾ Dok. tal-Kunsill 5723/08.⁽⁸⁾ Dok. tal-Kunsill 7652/08, paragrafu 13, p. 9.

tal-ħiliet futuri fl-Ewropa sal-2020, b'kont meħud tal-impatti tal-bidla teknoloġika u l-popolazzjonijiet li qed jixxjeh.

8. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment tal-Qafas Ewropew ta' Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁾ tippromwovi l-mobbiltà u t-tagħlim tul il-ħajja billi tiffaċilita r-rikonossiment ta' tagħlim miksub minn sistema ta' taħriġ għal oħra u minn pajjiż għal ieħor.
9. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ⁽²⁾, jappellaw għall-promozzjoni ta' sinerġija akbar bejn l-għarfien u l-kompetenzi fuq naħa, u l-kreattività u l-kapaċità għall-innovazzjoni fuq naħa oħra, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ. B'żieda ma' dan, il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni fl-2009 ⁽³⁾ għandha l-għan li tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jippromwovu l-kreattività, permezz tal-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, bħala mutur għall-innovazzjoni u bħala fattur ewlieni għall-iżvilupp tal-kompetenzi personali, professjonali, intraprenditorjali u soċjali.
10. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar it-tagħlim għall-adulti ⁽⁴⁾ jirrikonoxxu r-rwol ċentrali li tagħlim bħal dan jista' jkollu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-istrateġija ta' Lisbona, u b'mod partikolari biex ikun possibbli l-adattament tekniku tal-ħaddiema u jiġu ttrattati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħaddiema avvanzati fl-età u tal-migranti.

JISSOTTOLINJAW li:

1. L-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) hija parti essenzjali mit-tagħlim tul il-ħajja li tkopri l-livelli rilevanti ta' kwalifika u li għandha tkun marbuta mill-qrib mal-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni għolja. Fil-qalba tal-politika dwar l-impjegi u l-politika soċjali, l-ETV mhux biss tippromwovi l-kompetittività, il-prestazzjoni kummerċjali u l-innovazzjoni fil-kuntest ta' ekonomija globalizzata, imma anke l-ekwità, il-koeżjoni, l-iżvilupp personali u ċ-ċittadinanza attiva.
2. Biex tippermetti l-possibbiltà ta' toroq tal-karriera flessibbli li jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' ċittadini tul ħajjithom, għandhom isiru sforzi biex jorbtu iżjed mill-qrib il-forom u l-kuntesti kollha tat-tagħlim.
3. It-titjib tal-kreattività u l-innovazzjoni huwa partikolarment importanti għall-ETV. Biex jintlaħaq dan, għandu jiġi promoss b'mod attiv l-akkwist ta' kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja.

4. Sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, skemi ta' alternanza — li jgħaqqdu t-tagħlim fl-istituzzjonijiet edukattivi u fil-postijiet tax-xogħol — għandhom jiġu mħeġġa, u għandu jiġi żviluppat taħriġ għall-adulti f'intrapriżi u fi stab-bilimenti ta' edukazzjoni għolja.
5. L-antiċipazzjoni ta' ħiliet meħtieġa, lakuni u nuqqasijiet — b'żieda mal-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ġodda u emerġenti tax-xogħol fil-livell Ewropew u nazzjonali — huma kondizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' linji politiċi tal-ETV li jirrispondu għall-ħtiġiet ta' individwi, soċjetà u l-ekonomija.
6. Servizzi ta' informazzjoni, gwida u pariri għandhom jiffurmaw sistema koerenti li tippermetti lil ċittadini Ewropej iġestixxu t-toroq ta' tagħlim u karriera tagħhom u biex ilaħħqu mat-transizzjoni matul ħajjithom.
7. B'rispons għad-domanda għal kwalifiki flivell għoli, għandu jiġi żviluppat iżjed ir-rwol tal-edukazzjoni għolja fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u fit-titjib imkabar tal-integrizzjoni tas-suq tax-xogħol.
8. Il-promozzjoni tal-mobbiltà ta' ħaddiema, apprendisti u min jgħallim minn sistema għal oħra, u minn pajjiż għal ieħor, teħtieġ l-implimentazzjoni tal-għodod komuni Ewropej għat-trasparenza u r-rikonossiment ta' kwalifiki, bħall-Europass, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), is-Sistema Ewropea għat-Trasferiment ta' Kreditu (ECTS) u s-Sistema Ewropea ta' Kreditu futura għall-ETV (ECVET).
9. L-implimentazzjoni tal-għodod komuni Ewropej tinkludi l-użu ta' mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u r-realizzazzjoni tal-Qafas ta' Referenza Ewropea futur għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-ETV (EQARF), li huma kruċjali għall-istabbiliment ta' fiduċja reċiproka waqt li jiġu promossi l-modernizzazzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ.

JAGĦRFU li:

Il-proċess ta' Kopenhagen iddefinixxa prijoritajiet ambizzjużi kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali. Huwa wassal għal bidliet sinifikanti fil-politika nazzjonali u għall-ħolqien ta' għodod maġġuri għat-trasparenza u r-rikonossiment tal-għarfien, ħiliet u kompetenzi, kif ukoll għall-kwalità tas-sistemi.

Fil-livell Ewropew, metodi ta' ħidma aġġornati qajmu l-kuxjenza ta' dawk involuti u ħeġġewhom jagħmlu użu mill-għodod disponibbli.

B'mod partikolari l-QKE huwa fattur maġġuri fil-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-istabbiliment ta' sistemi u oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali abbażi ta' tagħlim miksub, u b'hekk fl-immodernizzar u t-titjib tal-istatus tal-ETV.

⁽¹⁾ ĠU C 111, 6.5.2008, p. 2.

⁽²⁾ ĠU C 141, 7.6.2008, p. 17.

⁽³⁾ Dok. tal-Kunsill 8935/08.

⁽⁴⁾ ĠU C 140, 6.6.2008, p. 10.

Apparti dan, il-proċess ta' Kopenhagen ikkontribwixxa biex jiż-
died ir-rwol tal-ETV fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' Lis-
bona fir-rigward tat-tliet dimensjonijiet tagħha: il-kompetittività,
l-impjeg u l-koeżjoni soċjali. Għaldaqstant, huwa jeħtieġ jieħu
kont tal-prijoritajiet tal-qafas strateġiku futur ta' kooperazzjoni
Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ li fih huwa integrat
bis-sħiħ.

F'dan il-kuntenst, l-ETV għandu jżomm il-karattru speċifiku tie-
għu. Hija responsabbiltà kondiviża li tinvolvi mill-qrib l-Istati
Membri, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet settorjali fl-
istadji kollha tal-proċess — prekondizzjoni meħtieġa għall-kwa-
lità u l-effiċjenza tal-ETV.

JENFASIZZAW li:

1. Għandu jiġi adottat approċċ li jippermetti l-implimentaz-
zjoni ta' għodod differenti b'mod koerenti u komplimentari.
2. Huwa meħtieġ li ċ-ċittadini u l-partijiet interessati l-oħra
kollha jiġu pprovduti b'informazzjoni dettaljata dwar l-għo-
dod komuni sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom.
3. Il-miżuri deskritti f'dawn il-konklużjonijiet huma volontarji
u għandhom jiġu żviluppati permezz ta' kooperazzjoni
minn fuq għal isfel. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni b'suċ-
ċess tal-għodod titlob l-impenn tal-partijiet interessati
kollha.

JAQBLU li:

Il-prijoritajiet u l-linji gwida stabbiliti taħt il-proċess ta' Kopenha-
gen mill-2002 jibqgħu validi. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu
implimentati, u jiġu indirizzati l-erba' oqsma ta' prijorità li ġejjin
għall-perijodu 2008-2010:

1. Implimentazzjoni tal-għodod u l-iskemi għall-promoz- zjoni ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ u l-edukaz- zjoni vokazzjonali (ETV) fil-livell nazzjonali u ewropew

Huwa importanti li jiġu żviluppati sistemi u oqfsa ta' kwali-
fiki nazzjonali bbażati fuq it-tagħlim miksub, f'koerenza mal-
Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, u biex tiġi implimentata s-Sis-
tema Ewropea ta' Kreditu futura għall-ETV (ECVET), flimkien
mal-Qafas ta' Referenza Ewropew futur għall-Assigurazzjoni
tal-Kwalità għall-ETV (EQARF), sabiex tissaħħaħ il-fiduċja
reċiproka.

F'din il-perspettiva, jenħtieġ li jiġu żviluppati:

- proġetti pilota, metodi xierqa u għodod ta' għajnuna,
- skemi u għodod għall-validazzjoni ta' tagħlim mhux for-
mali u informali miksub, flimkien mal-implimentazzjoni

ta' oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali, il-Qafas Ewropew ta'
Kwalifiki u tas-sistema ECVET,

- strumenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità,
- koerenza bejn l-għodod differenti.

2. Tisħiħ tal-kwalità u l-attrattività tas-sistemi tal-edukaz- zjoni u t-taħriġ vokazzjonali

Promozzjoni tal-attraenza tal-ETV għall-gruppi mira kollha

- Promozzjoni tal-ETV mal-istudenti, il-ġenituri, l-adulti
(kemm jekk jaħdmu, bla xogħol jew mhux attivi) u l-
intrapriżi, per eżempju billi jkomplu jiġu organizzati
kompetizzjonijiet ta' ħliet bħall-Euroskills.
- Eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni fl-aċċess
u l-parteċipazzjoni fl-ETV u jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet ta'
persuni u gruppi friskju ta' esklużjoni — b'mod partiko-
lari, iżgħażaġh li jħallu l-iskola qabel iż-żmien kif ukoll
persuni b'livell baxx ta' kwalifiki u żvantaġġati;
- Faċilitar tal-aċċess għall-informazzjoni, servizzi ta' gwida
u pariri tul il-ħajja permezz tal-implimentazzjoni b'suċ-
ċess tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru
2008 dwar l-integrazzjoni aħjar tal-gwida tul il-ħajja fl-
istrateġiji ta' tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁾;
- Faċilitar tal-possibiltajiet li jippermettu lill-persuni jav-
vanzaw minn livell ta' kwalifika għal ieħor billi jissaħħu
r-rabtiet bejn l-edukazzjoni ġenerali, l-ETV, l-edukazzjoni
għolja u t-tagħlim għall-adulti.

Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kwalità tas-sistemi tal-ETV

- Żvilupp ta' mekkaniżmi għall-assigurazzjoni tal-kwalità
permezz tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-
EQARF futur; parteċipazzjoni attiva fin-Netzwerk Ewro-
pew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tal-ETV bil-ħsieb li
jiġu żviluppati għodod komuni, kif ukoll appoġġ għall-
implimentazzjoni tal-QKE bil-promozzjoni tal-fiduċja
reċiproka;
- Żieda tal-investment fit-taħriġ inizjali u kontinwu ta'
dawk involuti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:
għalliema, min jgħalliem, tuturi, dawk li jagħtu pariri;
- Tfassil ta' linji politiċi tal-ETV abbażi ta' evidenza affidab-
bli appoġġata b'riċerka u data rigoruża, u t-titjib tas-sis-
temi ta' statistika u data li jikkonċernaw l-ETV;

⁽¹⁾ Dok. tal-Kunsill 15030/08.

- L-iżvilupp ta' sistemi u oqfsa nazzjonali ta' kwalifiki bbażati fuq it-tagħlim miksub li huma faċli li wieħed jifhimhom u jiggarrantixxu kwalità għolja, waqt li jiżguraw kompatibbiltà mal-Qafas Ewropew ta' Kwalifiki;
- Promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kreattività fl-ETV u implimentazzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar il-promozzjoni tal-kreattività u l-innovazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ;
- Żvilupp tat-tagħlim tal-lingwi u adattament ta' karatteristiċi speċifiċi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;
- Titjib tal-permeabilità u l-kontinwità tal-possibbiltajiet bejn l-ETV, l-edukazzjoni ġenerali u l-edukazzjoni superjuri.
- Jiġu żviluppati u implimentati l-validazzjoni u r-rikonossiment ta' tagħlim mhux formali u informali miksub;
- Tiżdied il-mobbiltà ta' persuni li jkunu f'taħriġ relatat max-xogħol, billi jiġu rinforzati l-programmi Komunitarji eżistenti li jappoġġaw il-mobbiltà, b'mod partikolari tal-apprendisti. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2008, dwar il-mobbiltà taż-żgħażaġh^(?) għandhom jikkontribwixxu għal dan il-proċess;
- It-tkabbir tar-rwol ta' edukazzjoni għolja fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u fit-tisħiħ tal-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol.

3. Titjib tar-relazzjoni bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u s-suq tax-xogħol

B'kont meħud ta' dan, jenħtieġ li:

- Jitkompli l-iżvilupp ta' mekkaniżmi li jħarsu 'l quddiem, immirati biex jiffukaw fuq xogħlijiet u ħiliet fil-livell nazzjonali u madwar l-Ewropa, bl-identifikazzjoni ta' lakuni u nuqqasijiet potenzjali ta' ħiliet u li jirrispondu għall-ħtiġijiet fil-ħiliet u kompetenzi futuri (kemm f'termini kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi) tal-ekonomija u l-imprezi, partikolament SMEs, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008 u bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2007 dwar ħiliet ġodda għal xogħlijiet ġodda;
- Jiġi żgurat involviment xieraq tal-imsieħba soċjali u l-atturi ekonomiċi fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-linji politiċi tal-ETV;
- Jittejbu s-servizzi ta' gwida u ta' pariri sabiex tkun iffaċilitata t-transizzjoni mit-taħriġ għall-impjieġ u b'hekk jin-għata kontribut għall-oġġettivi mniżżla fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2004 dwar it-Tisħiħ ta' Politika, Sistemi u Prattiki fil-qasam tal-Gwida tul il-ħajja fl-Ewropa⁽¹⁾; parteċipazzjoni attiva fin-Netzwerk Ewropew għall-Politika dwar l-Iggwidar Tul il-Ħajja;
- Jissaħħu l-mekkaniżmi, inkluż dawk ta' natura finanzjarja (kemm pubbliċi kif ukoll privati), immirati biex jipromovwu it-taħriġ tal-adulti — b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol, b'attenzjoni speċjali fuq l-SMEs — sabiex jikkontribwixxu għal aħjar opportunitajiet fil-karriera u l-kompetittività tal-intrapriżi. F'dan ir-rigward, il-miżuri deskritti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2008 dwar it-tagħlim għall-adulti għandhom jiġu implimentati;

4. Tisħiħ tal-arranġamenti tal-kooperazzjoni Ewropea

- Titjib tal-arranġamenti tal-kooperazzjoni Ewropea fir-rigward tal-ETV, b'mod partikolari billi tiżdied l-effiċjenza ta' attivitajiet ta' tagħlim reċiproku u jiġi kapitalizzat fuq ir-riżultati tagħhom f'termini ta' linji politiċi nazzjonali;
- Assigurazzjoni tal-integrazzjoni u l-viżibbiltà tal-ETV fost il-prijoritajiet tal-qafas strateġiku futur tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li tiġi żgurata rabta xierqa bejn l-ETV u l-linji politiċi dwar l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti; tisħiħ tar-relazzjoni mal-linji politiċi Ewropej dwar il-multilingwiżmu u ż-żgħażaġh;
- Konsolidar ta' skambji u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-OECD, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol u l-Unesco, b'mod partikolari. Għandu jiġi żgurat id-dritt ta' parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha f'din il-ħidma.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-LIMITI TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM,

biex jimplementaw l-azzjonijiet definiti fl-erba' azzjonijiet preċedenti, dwar il-prijoritajiet tal-proċess ta' Kopenhagen għall-perijodu 2008-2010, permezz ta':

- finanzjament pubbliku u privat xieraq, bl-użu ta' riżorsi rilevanti tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u self mill-Bank Ewropew ta' Investiment biex jappoġġaw riformi fil-livell nazzjonali skont il-prijoritajiet tal-Istati Membri u l-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja għall-appoġġ tal-implimentazzjoni effettiva ta' għodod Komunitarji;

⁽¹⁾ Dok. tal-Kunsill 9286/04.

^(?) Dok. tal-Kunsill 16206/08.

- kontinwazzjoni tal-ħidma ffukata biex ittejjeb il-kamp ta' applikazzjoni, il-komparabbiltà u l-affidabbiltà ta' statistika dwar l-ETV, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Eurostat, l-OECD, iċ-Cedefop u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (FET), u l-iżvilupp ta' komponent ETV iżjed espliċitu fi ħdan il-qafas koerenti ta' indikaturi u punti ta' referenza. Għandu jġi żgurat id-dritt ta' parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha f'din il-ħidma;
- iżjed żvilupp tal-attivitajiet dwar l-antiċipazzjoni ta' ħiliet meħtieġa u ħiliet mhux mqabbla, f'kollaborazzjoni mill-qrib maċ-Cedefop, il-FET u l-Eurofound;
- l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi koperti mill-politika ta' tkabbir kif ukoll il-politika ewropea tal-viceinat.

Kooperazzjoni ftali ħidma għandha tkun inklussiva u tinvolvi lill-Istati Membri kollha, lill-Kummissjoni, lil pajjiżi kandidati, lil pajjiżi tal-EFTA-ŻEE u lill-imsieħba soċjali.

Iċ-Cedefop u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ser ikomplu jappoġġaw lill-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-monitoraġġ u r-rappurtar ta' progress fl-implimentazzjoni.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-progress dwar l-ETV fir-rapporti dwar il-qafas strateġiku futur ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ u dwar il-programmi ta' riforma nazzjonali ta' Lisbona.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sħubija Ewropea għall-kooperazzjoni internazzjonali xjentifika u teknoloġika

(2009/C 18/05)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IFAKKAR dwar il-kuntest ġenerali tat-tweġġ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA) u partikolarment il-Green Paper tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2007 ⁽¹⁾, il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2007 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tneġġja tal-“Proċess ta' Ljubljana” — lejn realizzazzjoni sħiħa taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (30 ta' Mejju 2008) ⁽²⁾, li fihom “twessigħ wiesa' tal-ERA għad-dinja” jikkostitwixxi wieħed mill-ħames inizjattivi identifikati f'dan il-kuntest, u FILWAQT LI JIRREFERI għall-“Viżjoni 2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka” tiegħu (2 ta' Diċembru 2008) ⁽³⁾,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-aċċelerazzjoni tal-globalizzazzjoni toħloq opportunitajiet biex tiżdied l-eċċellenza xjentifika u jint-laħaq l-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli, u, partikolarment, li r-riżoluzzjoni tal-isfidi globali kbar (dawk diġà identifikati, fosthom it-tibdil fil-klima, il-faqar, il-mard infettiv, ir-riskji fl-enerġija, il-provvista tal-ilma, is-sigurtà fl-ikel, is-sigurtà tal-popolazzjoni, il-protezzjoni tal-biodiversità, is-sigurtà tan-netwerks u l-lakuna diġitali, kif ukoll sfidi oħra li jistgħu jinqalgħu) tirrikjedi li l-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika għas-sħubija globali tkun intensifikata;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li s-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (PQ) jippermetti l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u jinkludi diversi strumenti ġodda maħsubin biex iħeġġu l-kooperazzjoni internazzjonali;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li hemm fis-seħħ għadd kbir ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali konklużi bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-pajjiżi terzi, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi; u FILWAQT li attwalment ma hemm l-ebda strateġija fil-livell Ewropew għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar l-attivitajiet li joriġinaw minn dawn id-diversu ftehimiet u, fejn meħtieġ, biex jiġi żgurat il-livell adegwat ta' koordinazzjoni fost dawn l-attivitajiet,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-aspirazzjoni tal-Ewropa — kif espressa fil-“Viżjoni 2020 għall-ERA” — hija li tkun tista' titkellem b'vuċi konsistenti mal-imsieħba prinċipali tagħha, kif ukoll fil-fora internazzjonali rilevanti, fil-qasam tax-xjenza u t-teknoloġija;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-attivitajiet għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u fit-teknoloġija għandhom jiġu bbażati fuq prinċipji u prassi li jaġhtu importanza lir-riċiproċità, t-trattament ġust, u l-vantaġġi riċiproċi kif ukoll l-protezzjoni adegwata tal-proprietà intellettwali;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li l-attivitajiet għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u fit-teknoloġija għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp, il-kondiviżjoni u t-tixrid tal-għarfien madwar id-dinja u jikkostitwixxu mezz importanti biex tiġi promossa l-mobbiltà tar-riċerkaturi u ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ;

1. HUWA TAL-FEHMA li s-segwitu tal-objettivi ġenerali tal-Unjoni Ewropea jista' jissaħħaħ permezz ta' qafas strateġiku għall-koordinazzjoni adatta, mill-Unjoni Ewropea kollha, tal-attivitajiet differenti għall-kooperazzjoni fix-xjenza u fit-teknoloġija mal-pajjiżi terzi, filwaqt li jiġu stabbiliti l-prijoritajiet differenti skont il-livell tal-iżvilupp xjentifiku u ekonomiku u l-karatteristiċi settorjali ta' dawn il-pajjiżi;
2. JILQA' l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni “Qafas strateġiku Ewropew għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u t-teknoloġija” ⁽⁴⁾, partikolarment bl-għan li ssaħħaħ il-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni Ewropea, li tiġi żviluppata l-kompetittività tal-industrija tagħha, kif ukoll tgħin sabiex jiġu trattati l-isfidi globali f'kuntest ta' “responsabbiltà globali”;
3. JISSOTTOLINJA li din l-istrateġija hija maħsuba biex ittejjeb, b'rispett sħiħ għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-koerenza u s-sinerġiji bejn l-attivitajiet differenti tal-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u fit-teknoloġija li jsiru fl-Ewropa mill-Istati Membri u l-Komunità Ewropea;
4. JISTIENEN lill-Istati Membri, filwaqt li jiġu inkorporati kif adatt il-pajjiżi assoċjati mal-PK7, biex iħeġġu djalogu fil-livell Ewropew bil-ħsieb li jiġu kkoordinati l-linji politiċi u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni X&T tagħhom, kif ukoll jappoġġaw il-qbil bejn il-partijiet interessati, inkluża l-industrija, bil-ħsieb li jiġu identifikati l-opportunitajiet, u jekk meħtieġ, l-ostakoli għall-iżvilupp tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni fix-X&T (xjenza u teknoloġija) bejn l-Unjoni Ewropea u l-kumplement tad-dinja;
5. JISTIENEN lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiffurmaw Sħubija Ewropea fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali fix-xjenza u fit-teknoloġija (“kooperazzjoni X&T”) bl-għan tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija Ewropea; din għandha tkun ibbażata fuq il-konċertazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni b'mod flessibbli bil-ħsieb li jiġu identifikati l-prijoritajiet komuni li jistgħu jiġu indirizzati lejn l-inizjattivi kkoordinati jew konġunti; u JISTIENEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkordinaw l-attivitajiet u l-pożizzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u f'fora internazzjonali f'dawk l-oqsma li huma parti minn din l-istrateġija, bl-inkorporazzjoni, fejn adatt, tal-pajjiżi assoċjati tas-7 PK;

⁽¹⁾ Dok. 8322/07 (COM(2007) 161).

⁽²⁾ Dok. 10231/08.

⁽³⁾ Dok. 16767/08

⁽⁴⁾ Dok. 13498/08 (COM(2008) 588).

6. F'dak il-kuntest, JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkollaboraw fi ħdan konfigurazzjoni ddedikata tal-CREST (minn issa 'l quddiem imsejħa "Forum strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-X&T") biex is-Sħubija Ewropea għall-kooperazzjoni fix-X&T titmexxa 'l quddiem, f'konformità mal-mandat imniżżel fl-Anness;
7. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkontribwixxu b'mod sħiħ għas-suċċess tas-Sħubija billi jpoġġu għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni u l-esperjenza adatta miksuba fil-qafas tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni rispettivi tagħhom, inkluż l-eżitu tal-evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt ta' kollaborazzjoni X&T ma' pajjiżi terzi;
8. Fil-qafas tas-Sħubija, JISTIEDEN lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jikkoordinaw aħjar u jagħmlu l-attivitajiet tagħhom ta' kooperazzjoni fix-X&T aktar operattivi ma' reġjuni oħrajn fid-dinja, partikolarment bit-tisħiħ jew il-ħolqien ta' pjattaformi ta' dialogu ma' reġjuni oħra tad-dinja bil-ħsieb li jiġu identifikati b'mod konġunt il-prijoritajiet u l-azzjonijiet futuri fir-rigward tal-kooperazzjoni fix-X&T;
9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex iżżid l-impatt tal-Ftehimiet fix-X&T, tiżgura l-applikazzjoni korretta tal-prinċipju ta' reċiproċità, trattament ġust u benefiċċji reċiproki kif imsemija fil-ftehimiet tal-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-pajjiżi terzi fil-qasam xjentifiku u teknoloġiku; u JISTIEDEN lill-Istati Membri biex, fil-qafas tal-attivitajiet tagħhom ta' kooperazzjoni fix-X&T, jippromwovu, ma' pajjiżi terzi, fejn dan ikun adatt, il-prinċipji u l-prassi mniżżlin fil-Kodiċi ta' Prattika dwar il-ġestjoni tal-proprjetà intelletwali fl-attivitajiet tat-trasferiment ta' għarfien ⁽¹⁾, il-Karta Ewropea tar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi ⁽²⁾;
10. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu żgurati l-koerenza u l-kumplimentarjetà meħtieġa bejn il-mezzi Ewropej u nazzjonali ta' appoġġ għar-riċerka u dawk ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet fix-xjenza u fit-teknoloġija, u JISTIEDEN partikolarment lill-Kummissjoni biex issaħħaħ ir-rabta bejn il-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (PQ), l-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), l-Istrument ta' Finanzjament ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), kif ukoll il-mekkaniżmi l-oħra rilevanti kollha;
11. u f'dan il-kuntest, IFAKKAR dwar l-azzjoni diġà meħuda għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membru u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari s-Sħubija Strateġika UE-Afrika, u ma' dawn il-linji JIKKUNSIDRA l-esplorazzjoni ta' kooperazzjoni ulterjuri ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw bħala parti mill-istrateġija globali tal-UE fis-X&T;
12. JIKKUNSIDRA li l-proċeduri speċifiċi kollha għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea għall-Kooperazzjoni fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka għandhom ikunu eżaminati fil-qafas tal-approċċ ġenerali għat-titjib tal-governanza fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, kif previst fil-proċess ta' Ljubljana.

⁽¹⁾ Ara r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill (30 ta' Mejju 2008), dok. 10323/08.
⁽²⁾ ĠUL 75, 22.3.2005.

ANNEX

Mandat għall-CREST dwar forum strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fix-X&T**Objettiv:**

Jiġu ffaċilitati l-iżvilupp ulterjuri, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dimensjoni internazzjonali tal-ERA bil-kondiviżjoni ta' informazzjoni u konsultazzjoni bejn l-imsieħba (l-Istati Membri u l-Kummissjoni) bil-ħsieb li jiġu identifikati l-prijoritajiet komuni li jistgħu jiġu indirizzati lejn l-inizjattivi kkoordinati jew konġunti u jikkoordinaw l-azzjonijiet u l-pożizzjonijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fil-fora internazzjonali.

Metodi ta' Ħidma:

Il-CREST ser jiltaqa' f'konfigurazzjoni ddedikata ("Il-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fix-X&T") b'rappreżentanti ta' livell għoli tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni. Din il-konfigurazzjoni ddedikata tal-CREST tista' tiġi appoġġata minn grupp ta' ħidma adatt jekk jitqies meħtieġ. Huwa ser ikun ippresjedut minn wieħed mill-membri tiegħu li jirappreżenta Stat Membru maħtur għal perijodu ta' sentejn. Huwa ser ikun miftuħ, kif adatt, għall-pajjiżi assoċjati mal-PQ.

Attivitajiet Prinċipali:

- il-kondiviżjoni sistematika u l-istrutturar tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-għanijiet tal-kooperazzjoni fix-X&T (li għaddejjin jew ippjanati) tal-imsieħba differenti,
- il-kondiviżjoni tal-għarfien rilevanti li jikkonċerna l-pajjiżi terzi, partikolarment l-analiżi tar-riżorsi u l-kapaċitajiet taġġhom fix-X&T,
- l-iżgurar ta' qbil regolari bejn l-imsieħba bil-ħsieb li jiġu identifikati l-għanijiet rispettivi u l-prijoritajiet komuni fil-qasam tal-kooperazzjoni fix-X&T mal-pajjiżi terzi ("x'inhu u ma' min?"),
- il-koordinazzjoni, fejn ikun meħtieġ, tal-attivitajiet ta' karattru simili implimentati mill-Istati Membri u mill-Komunità (b'ġeometrija varjabbli),
- jekk ikun meħtieġ, il-proposta ta' inizjattivi għall-implimentazzjoni skont il-mezzi u r-riżorsi adatti,
- sistema ta' netwerk tal-kunsilliera xjentifiċi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni f'pajjiżi prinċipali.

Rappurtar:

Rapport annwali lill-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-progress miksub fit-tweġġiq tal-oġġettivi tas-Subbija, li għandu jinkludi kif rilevanti:

- analiżi tal-azzjonijiet tal-kooperazzjoni internazzjonali (li għaddejjin jew ippjanati) bejn l-UE u l-pajjiżi terzi;
- analiżi tal-kamp ta' applikazzjoni, il-koerenza u l-kumplimentarjetà tal-azzjonijiet differenti tal-UE;
- Identifikazzjoni tal-prijoritajiet komuni u proposti għal azzjonijiet għall-implimentazzjoni taġġhom;
- valutazzjoni globali tal-impatt tal-azzjonijiet tal-UE dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-X&T.

KUMMISSJONI

Rata tal-kambju ta' l-euro ⁽¹⁾

It-23 ta' Jannar 2009

(2009/C 18/06)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2795	AUD	Dollaru Awstraljan	1,9836
JPY	Yen Ġappuniż	113,65	CAD	Dollaru Kanadiż	1,6087
DKK	Krona Daniża	7,4535	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,9238
GBP	Lira Sterlina	0,93870	NZD	Dollaru tan-New Zealand	2,4592
SEK	Krona Żvediża	10,7058	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,9282
CHF	Frank Żvizzeru	1,4955	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 787,50
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	13,2081
NOK	Krona Norveġiża	8,9940	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,7492
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,3973
CZK	Krona Ċeka	28,106	IDR	Rupiah Indoneżjan	14 496,74
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malażjan	4,6388
HUF	Forint Ungeriż	289,85	PHP	Peso Filippin	60,580
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	42,2975
LVL	Lats Latvjan	0,7042	THB	Baht Tajlandiż	44,674
PLN	Zloty Pollakk	4,4405	BRL	Real Brażiljan	3,0121
RON	Leu Rumun	4,3053	MXN	Peso Messikan	18,1433
TRY	Lira Turka	2,1433	INR	Rupi Indjan	62,9000

(¹) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 18/07)

Numru XA: XA 335/08**Stat Membru:** Ir-Repubblika tas-Slovenja**Ir-reġjun:** Območje občine Trbovlje**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tir-
čievi l-għajnuna individwali:**

Finančne pomoči za programe razvoja podeželja in kmetijstva v občini Trbovlje [Għajnuna finanzjarja għall-programmi ta' agrikoltura u żvilupp rurali fil-municipalitá ta' Trbovlje]

Bażi ġuridika:

Pravilnik o dodeljevanju finančnih pomoči za programe razvoja podeželja in kmetijstva v občini Trbovlje

In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:

2008: EUR 13 000

2009: EUR 13 000

2010: EUR 13 000

2011: EUR 13 000

2012: EUR 13 000

2013: EUR 13 000

Intensità massima tal-għajnuna:1. *Investiment f'impriżi agrikoli għall-produzzjoni primarja:*

- sa 50 % tal-ispejjeż eliġibbli f'żoni żvantaġġati,
- sa 40 % tal-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħrajn.

2. *Konservazzjoni tal-pajsaġġi u tal-bini tradizzjonali:*

- sa 50 % tal-ispejjeż eliġibbli għal investiment jew miżuri għall-protezzjoni tal-wirt ta' assi produttivi fil-farms, bħal bini tal-farms, sakemm l-investiment ma jwassal għal ebda żieda fil-kapaċità produttiva tal-farm,

- sa 50 % tal-ispejjeż eliġibbli ta' investiment jew miżuri għall-konservazzjoni ta' wirt ta' assi mhux produttivi ġewwa l-farms.

3. *Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid tal-art:*

- sa 100 % tal-ispejjeż legali u amministrattivi mġarrba realment.

4. *Provvista ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu:*

- sa 100 % tal-ispejjeż rigward l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bdiewa, servizzi ta' konsulenza, l-organizzazzjoni ta' fora, kompetizzjonijiet, wirjiet u fieri, pubblikazzjonijiet, katalogi u websajts u t-tixrid tal-għarfien xjentifiku. L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u ma għandhiex tinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-azjendi agrikoli

Id-data tal-implimentazzjoni: L-10 ta' Novembru 2008 (l-għajnuna ma tingħatax qabel ma s-sinteżi tiġi ppubblikata fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea)

Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għoti tal-għajnuna individwali: Sal-31 ta' Diċembru 2013

L-għan tal-għajnuna: Appoġġ lill-SMEs

Referenza għall-Artikoli tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli: L-abbozz tar-Regoli dwar l-għoti tal-għajnuna finanzjarja għal programmi ta' żvilupp agrikolu u rurali fil-municipalitá ta' Trbovlje jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli segwenti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istati lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3):

- l-Artikolu: Investiment f'azjendi agrikoli ta' produzzjoni primarja,

- l-Artikolu: Konservazzjoni tal-pajsaġġi u l-bini tradizzjonali,
- l-Artikolu: Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid tal-art,
- l-Artikolu: Provvista ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu

Settur(i) konċernat(i): L-agrikoltura

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:

Občina Trbovlje
Mestni trg 4
SLO-1420 Trbovlje

Websajt:

<http://www.lex-localis.info/KatalogInformacij/VsebinaDokumenta.aspx?SectionID=864eaf4a-0778-41f4-865a-a26d998c38fa>

Tagħrif ieħor: Il-miżura għall-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-uċuh u l-frott tinkludi l-avvenimenti ta' maltemp li ġejjin li jistgħu jittqiesu bħala diżastri naturali: ġlata tar-rebbiegħa, silġ, sajjetti, nar ikkawżat mis-sajjetti, tempesti u għargħar.

Ir-Regoli tal-municipalitá huma konformi mar-reqwiziti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-municipalitá u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċedura ta' qabel l-għoti tal-għajnuna, akkumulazzjoni, trasparenza u monitoraġġ tal-għajnuna)

Numru XA: XA 336/08

Stat Membru: Ir-Repubblika tas-Slovenja

Reġjun: Območje občine Divača

Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:

Pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva ter podeželja v občini Divača 2008-2013 [Għajnuna għall-konservazzjoni u l-iżvilupp tal-agrikoltura u taż-żoni rurali fil-municipalitá ta' Divača għall-perjodu 2008-2013]

Bażi ġuridika:

Pravilnik o dodeljevanju državnih pomoči za ohranjanje in razvoj kmetijstva ter podeželja v občini Divača za obdobje 2008–2013 (II. poglavje)

In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:

2008: EUR 25 476

2009: EUR 26 000

2010: EUR 26 000

2011: EUR 26 000

2012: EUR 26 000

2013: EUR 26 000

Intensità massima tal-għajnuna:

1. *Investiment f'impriżi agrikoli għall-produzzjoni primarja:*

— sa 50 % tal-ispejjeż eliġibbli f'żoni żvantaġġati,

— sa 40 % tal-ispejjeż eliġibbli f'żoni oħrajn,

— l-intensità ta' għajnuna tiżdied b'10 % fil-każ ta' investimenti magħmula minn bdiewa żgħażaġħ fi żmien ħames snin mill-istabbiliment tagħhom.

2. *Konservazzjoni tal-pajsaġġi u tal-bini tradizzjonali:*

— sa 100 % tal-ispejjeż attwali għal strutturi mhux produttivi,

— sa 60 % tal-ispejjeż attwali, jew 75 % f'żoni żvantaġġati, f'assi produttivi tal-farms, sakemm l-investiment ma jwasalx għal kwalunkwe żieda fil-kapaċità produttiva tal-farm,

— sa 100 % biex ikopru l-ispejjeż żejda mġarrba bl-użu ta' materjali tradizzjonali.

3. *Trasferiment tal-bini tal-farms fl-interess pubbliku:*

— sa 100 % tal-ispejjeż reali fejn it-trasferiment sempliċiment jikkonsisti fiż-żarmar, it-tneħħija u l-kostruzzjoni mill-ġdid tal-bini eżistenti,

— jekk minħabba t-trasferiment il-bidwi jgawdi minn faċilitajiet aktar moderni, il-bidwi għandu jikkontribwixxi tal-anqas 60 %, jew 50 % fiż-żoni żvantaġġati, taż-żieda fil-valur tal-faċilitajiet konċernati wara t-trasferiment. Jekk il-benefiċjarju huwa bidwi żaġħżuġħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha titnaqqas b'5 %,

— meta t-trasferiment iwassal għal żieda fil-kapaċità produttiva, il-kontribuzzjoni mill-benefiċjarju għandha tkun tal-anqas 60 %, jew 50 % f'żoni żvantaġġati, tal-ispejjeż marbuta ma' din iż-żieda. Jekk il-benefiċjarju huwa bidwi żaġħżuġħ, il-kontribuzzjoni tiegħu għandha titnaqqas b'5 %.

4. *Ħlas tal-primjums tal-assigurazzjoni:*

— l-ammont ta' kofinanzjament muniċipali huwa d-differenza bejn l-ammont ta' kofinanzjament tal-primjums tal-assigurazzjoni mill-baġit nazzjonali u l-limitu sussidjarju (sa 50 %) li japplika għall-ispejjeż eliġibbli tal-primjums ta' assigurazzjoni.

5. *Għajnuna għat-tqassim mill-ġdid tal-art:*

— sa 100 % tal-ispejjeż legali u amministrattivi mġarrba realment.

6. *Għajjnuna biex titħeġġeġ il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità:*

- sa 100 % tal-ispejjeż; l-għajjnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u ma tinvolvi x ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

7. *Provvista ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu:*

- sa 100 % tal-ispejjeż; l-għajjnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi sussidjati u ma tinvolvi x ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi

Id-data tal-implimentazzjoni: Il-21 ta' Novembru 2008 (L-għajjnuna ma tingħatax qabel ma s-sinteżi tiġi ppubblikata fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea)

Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għoti tal-għajjnuna individwali: Sal-31 ta' Diċembru 2013

L-għan tal-għajjnuna: Appoġġ lill-SMEs

Referenza għall-Artikoli tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 u l-ispejjeż eliġibbli: Kapitolu II tal-abbozz tar-Regoli dwar l-għoti tal-għajjnuna għall-konservazzjoni u l-iżvilupp taż-żoni agrikoli u rurali fil-muniċipalità ta' Divača għall-perjodu 2008-13 li jinkludi miżuri li jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli segwenti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajjnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 (ĠU L 358, p. 3, 16 ta' Diċembru 2006, p. 3):

- l-Artikolu: Investiment f'azzjendi agrikoli,
- l-Artikolu: Konservazzjoni tal-pajsaġġi u l-bini tradizzjonali,
- l-Artikolu: Trasferiment ta' bini ta' farms fl-interess pubbliku,
- l-Artikolu: Għajjnuna għall-ħlasijiet ta' primjums tal-assigurazzjoni,
- l-Artikolu: Għajjnuna għat-tqassim mill-ġdid tal-art,
- l-Artikolu: Għajjnuna biex titħeġġeġ il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità,
- l-Artikolu: Provvista ta' appoġġ tekniku fis-settur agrikolu

Settur(i) konċernat(i): L-agrikoltura

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajjnuna:

Občina Divača
Kolodvorska ulica 3a
SLO-6215 Divača

Websajt:

<http://www.uradni-list.si/1/objava.jsp?urlid=200884&objava=3670>

Tagħrif ieħor: Il-miżura għall-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni biex jiġu assigurati l-uċuh u l-frott tinkludi l-avvenimenti ta' maltemp li ġejjin li jistgħu jitqiesu bħala diżastri naturali: ġlata tar-rebbiegħa, silġ, sajjetti, nar ikkawżat mis-sajjetti, tempesti u għargħar.

Ir-Regoli tal-muniċipalità huma konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati mill-muniċipalità u d-dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli (proċedura ta' qabel l-għoti tal-għajjnuna, akkumulazzjoni, trasparenza u monitoraġġ tal-għajjnuna)

Numru XA: XA 337/08

Stat Membru: Id-Danimarka

Titlu tal-iskema ta' għajjnuna jew isem il-kumpanija li qed tirċievi għajjnuna individwali:

Reġistri tal-produzzjoni

Bażi ġuridika:

Lov om administration af Det Europæiske Fællesskabs forordninger om markedsordninger for landbrugsvarer m.v. (Bemyndigel-sesloven), jf. lovbekendtgørelse nr. 297 af 28. april 2004

In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajjnuna individwali mogħtija lill-kumpanija: DKK 1 034 000

Intensità massima tal-għajjnuna: 100 %

Id-data tal-implimentazzjoni: L-1 ta' Ottubru 2008

Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għoti tal-għajjnuna individwali: Sat-30 ta' Settembru 2009

L-għan tal-għajjnuna: L-għan tal-iskema għaż-żamma tar-reġistri tal-produzzjoni tal-brojlers u tal-bajd għall-konsum mill-bniedem u l-monitoraġġ tal-produttività, huwa li l-produtturi individwali jkunu pprovdu ti b'informazzjoni tajba għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tal-produzzjoni tagħhom fid-dawl tal-kuntest ekonomiku wiesa'. Għandha wkoll l-għan li tiżgura li s-settur jinżamm infurmat tajjeb dwar kwistjonijiet ta' produttività u s-sitwazzjoni ekonomika fil-linji varji involuti tal-produzzjoni.

Il-benefiċjarji finali huma r-raħħala li jipproduċu l-bajd għal konsum mill-bniedem u brojlers. L-iskema tikkonċerna l-impriżi żgħar u ta' daqs medju biss.

L-iskema hija skont l-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Tikkonċerna n-nefqa fuq is-servizzi ta' konsulenza

Settur(i) konċernat(i): Is-settur tat-tiġieġ

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Fjerkræafgiftsfonden
Axeltorv 3
DK-1609 København V

Websajt:

<http://www.poultry.dk/ddf/fa.nsf/B2009T.pdf?openfilesource>

Tagħrif ieħor: —

Numru XA: XA 338/08

Stat Membru: Id-Danimarka

Titlu tal-iskema ta' ghajjnuna jew isem il-kumpanija li qed tirċievi ghajjnuna individwali:

Spezzjonijiet ta' kampjuni għall-brojlers

Bażi ġuridika:

Lov om administration af Det Europæiske Fællesskabs forordninger om markedsordninger for landbrugsvarer m.v. (Bemyndigelsesloven), jf. lov bekendtgørelse nr. 297 af 28. april 2004

In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-kumpanija: DKK 90 000

Intensità massima tal-ghajjnuna: 100 %

Id-data tal-implimentazzjoni: L-1 ta' Ottubru 2008

Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-ghajjnuna individwali: Sat-30 ta' Settembru 2009

Għan tal-ghajjnuna: Biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-ispezzjonijiet tal-kampjuni fuq gruppi ta' brojlers skont § 11 of bekendtgørelse nr. 1069 af 17. december 2001 om hold af kyl-linger og rugeægsproduktion (Ordni Nru 1069 tas-17 ta' Diċembru 2001 fuq il-produzzjoni tat-tiġieġ u tal-bajd) permezz tal-Fjerkræafgiftsfonden (Fond mill-Imposti fuqit-Tjur).

Il-benefiċjarji finali huma r-raħħala li jipproduċu brojlers u l-iskema tikkonċerna l-impriżi żgħar u ta' daqs medju biss.

L-iskema hija skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Tirrigwarda n-nefqa fuq l-ispezzjonijiet tas-saħħa

Settur(i) konċernat(i): Tjur (brojlers)

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Fjerkræafgiftsfonden
Axeltorv 3
DK-1609 København V

Websajt:

<http://www.poultry.dk/ddf/fa.nsf/B2009T.pdf?openfilesource>

Tagħrif ieħor: —

Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 18/08)

Numru XA: XA 339/08

Stat Membru: Id-Danimarka

Titlu tal-iskema ta' għajnunata jew isem il-kumpanija li qed tirċievi għajnunata individwali: Produktionsrelateret specialrådgivning med fokus på slagtefjerkræ

Baži ġuridika: Lov om administration af Det Europæiske Fællesskabs forordninger om markedsordninger for landbrugsvarer m. v. (Bemyndigelsesloven), jf. lovbekendtgørelse nr. 297 af 28. april 2004

In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnunata individwali mogħtija lill-kumpanija: DKK 1 920 000

Intensità massima tal-għajnunata: 100 %

Id-data tal-implimentazzjoni: L-1 ta' Ottubru 2008

Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnunata individwali: Sat-30 ta' Settembru 2009

Għan tal-għajnunata:

L-għan tal-iskema hu li jiġu provduti pariri tekniċi ġenerali li jkunu imparzjali u professjonali. Hija ukoll maħluqa biex jinżamm livell għoli ta' ħila fil-produzzjoni tat-tfaqqis tal-bajd, tal-brojlers u ta' tagħrif dwar il-bini li jilqgħu t-tjur, tagħmir u kwistjonijiet ambjentali.

Il-benefiċjarji aħħarija huma r-raħħala involuti fil-trobbija tat-tjur. L-iskema tikkonċerna l-impriżi żgħar u ta' daqs medju biss.

L-iskema hija skont l-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Tikkonċerna n-nefqa dwar is-servizzi ta' konsulenza

Settur(i) konċernat(i): Is-settur tat-tiġieġ

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnunata:

Fjerkræafgiftsfonden
Axeltorv 3
DK-1609 Copenhagen V

Websajt:

<http://www.poultry.dk/ddf/fa.nsf/B2009T.pdf?openfilesource>

Tagħrif ieħor: —

Numru XA: XA 340/08

Stat Membru: Id-Danimarka

Titlu tal-iskema ta' għajnunata jew isem il-kumpanija li qed tirċievi għajnunata individwali: Økologiske slagtekyllinger

Baži ġuridika: Lov om administration af Det Europæiske Fællesskabs forordninger om markedsordninger for landbrugsvarer m. v. (Bemyndigelsesloven), jf. lovbekendtgørelse nr. 297 af 28. april 2004

In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnunata individwali mogħtija lill-kumpanija: DKK 252 000

Intensità massima tal-għajnunata: 100 %

Id-data tal-implimentazzjoni: L-1 ta' Ottubru 2008

Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnunata individwali: Sat-30 ta' Settembru 2009

Għan tal-għajnunata:

L-għan tal-iskema hu li tiġbor u tferrex informazzjoni dwar il-produzzjoni organika tal-brojlers.

Il-benefiċjarji aħħarija huma r-raħħala involuti fit-trobbija tat-tjur. L-iskema tikkonċerna l-impriżi żgħar u ta' daqs medju biss.

L-iskema hija skont l-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Tikkonċerna n-nefqa għal servizzi ta' konsulenza

Settur(i) konċernat(i): Is-settur tat-tiġieġ

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnunata:

Fjerkræafgiftsfonden
Axeltorv 3
DK-1609 Copenhagen V

Websajt:

<http://www.poultry.dk/ddf/fa.nsf/B2009T.pdf?openfilesource>

Tagħrif ieħor: —

Numru XA: XA 365/08

L-Istat Membru: Ir-Renju Unit

Ir-reġjun: L-Iskozja

Titolu tal-iskema ta' ghajjnuna jew isem il-kumpanija li għaliha hija indirizzata l-ghajjnuna individwali: Orkney Johne's Disease Eradication Scheme

Il-bażi ġuridika: Local Government in Scotland Act 2003; Section 69(3) of the Orkney County Council Act 1974

In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-kumpanija: Total ta' GBP 120 000 (Mija u Ghoxrin Elf Liri Sterlini)

Sena	Nefqa totali ppjanata	Nefqa massima għal kull benefiċjarju eliġibbli (*)
2008-2009	GBP 120 000	mhux applikabbli
2009-2010	GBP 120 000	mhux applikabbli
2010-2011	GBP 120 000	mhux applikabbli

(*) Din l-iskema għandha tiġi mħaddma bħala servizz għall-komunità agrikola

L-intensità massima tal-ghajjnuna: L-intensità ta' ghajjnuna tlaħħaq il-100 % skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

Id-data tal-implimentazzjoni: L-iskema se tibda fl-1 ta' Novembru 2008

Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għotja ta' ghajjnuna individwali: L-iskema se tibda fl-1 ta' Novembru 2008 u tagħlaq fil-31 ta' Ottubru 2011.

L-għan tal-ghajjnuna:

L-iskema għandha tiġi applikata f'konformità mal-Kapitolu 2, Artikolu 10.1 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-iskema għandha tipprovi servizz ta' filtru biex tidentifika l-marda tal-Johne fil-bovini ta' Orkney. Din l-iskema tinkludi kollox, u tiżgura li tal-anqas 80 % tal-merħla tat-tgħammir attwali ta' Orkney tiġi ttestjata għall-marda. Il-marda tal-Johne hija waħda mill-mard tal-bhejjem imniżżla fejn l-ghajjnuna mogħtija tista' tingħata għall-prevenzjoni u l-kontroll, li huwa f'konformità mal-Artikolu 10.7 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006. Din l-iskema hija provduta bħala servizz għall-komunità agrikola, u ma tagħmel l-ebda ħlas għal testijiet tal-istokk — L-ghajjnuna pprovduta skont din l-iskema hija mogħtija permezz ta' servizzi sussidjati, u **ma tinvolvi** ħlas dirett ta' flus lill-prodotturi.

Permezz tat-testijiet tal-bovini għall-marda, l-għan ewlieni ta' OJDES hu biex il-merħla ta' Orkney tiġi sostnuta ħielsa mill-mard u bi Status ta' Saħħa għoli, sabiex jintlaħqu dawn l-għani-jiet kollha:

- Biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni
- Biex il-produzzjoni titjeb jew tingħata orjentazzjoni ġdida
- Biex tittejjeb il-kwalità
- Biex jiġu ppriservati u mtejba l-ambjent naturali, il-kundizzjonijiet ta' iġjene u l-istandards tal-benessri tal-annimali.
- Biex jitjeb il-profil tal-kummerċ

Is-settur(i) konċernat(i): L-iskema tapplika għall-produzzjoni tal-prodotti agrikoli

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Orkney Islands Council
Council Offices
School Place
Kirkwall
Orkney KW15 1NY
United Kingdom

Websajt:

http://www.orkney.gov.uk/nqcontent.cfm?a_id=13745&tt=orkneyv2

Tagħrif ieħor: —

Numru XA: XA 366/08

L-Istat Membru: Ir-Renju Unit

Ir-reġjun: L-Iskozja

Titolu tal-iskema ta' ghajjnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-ghajjnuna individwali: Bluetongue Vaccination Campaign

Il-bażi ġuridika: Section 4(3) of the Small Landholders Act 1911

Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew ammont kumplessiv tal-ghajjnuna individwali mogħtija lill-kumpanija: GBP 3 000 000

L-intensità massima tal-ghajjnuna: 50 %

Id-data tal-implimentazzjoni: L-iskema se tibda fit-3 ta' Novembru 2008

Tul ta' żmien tal-iskema jew l-għotja ta' ghajjnuna individwali: L-iskema se tibda fit-3 ta' Novembru 2008 u tagħlaq fit-30 ta' April 2009

L-għan tal-ghajjnuna: Ghajjnuna lill-SMEs

Is-settur(i) konċernat(i): L-iskema tapplika għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju involuti fil-produzzjoni ta' prodotti primarji agrikoli

Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-ghajjnuna:

Scottish Government
Pentland House
47 Robbs Loan
Edinburgh
EH14 1TY
United Kingdom

Indirizz tal-internet:

<http://www.scotland.gov.uk/Topics/Agriculture/animal-welfare/Diseases/SpecificDisease/bluetongue/BTVaccination/BTVaccinationStateAidInfo>

Tagħrif ieħor:

L-għan tal-Kampanja ta' Tilqim għal kontra l-Bluetongue huwa sabiex il-bhejjem tat-trobbija Skoċċiżi jinżammu ħielsa mill-marda. It-tilqim tal-bovini u tan-nagħaġ huwa obbligatorju, u t-tilqim tal-bhejjem domestiċi suxxettibli l-oħra kollha huwa volontarju. L-għajnuna provduta tnaqqas l-ispiża tat-tilqima għal produtturi u għal min irabbi l-bhejjem b'50 % tal-ispejjeż tal-manifattura. Il-produtturi u min irabbi l-bhejjem għandhom iħallsu l-bilanċ tal-ispejjeż tal-manifattura u tat-twassil.

Il-Gvern Skoċċiż iggarantixxa 12-il miljun doża tat-tilqima għall-użu minn produtturi tal-bhejjem tat-trobbija u minn dawk li jrabbu l-bhejjem u li jissodisfaw id-definizzjoni ta' SME. Din l-iskema tgħin lill-produtturi u lil dawk li jrabbu l-bhejjem jifdu l-ispejjeż tal-kampanja ta' tilqim matul l-ewwel sena. It-tilqima se titqassam fuq il-bażi li minn jgħi l-ewwel jisserva l-ewwel. Jista jagħti l-każ li l-ammont ta' 12-il miljun doża bbażat fuq l-istima tal-kwantità meħtieġa sabiex il-bhejjem eliġibbli kollha fl-Iskozja jitleqqmu sa tmiem ix-xitwa tal-perjodu ta' tilqim 2008/2009 jinbigħ kollu qabel tmiem ix-xitwa. Jekk dan ikun l-każ, il-pro-

dukturi u dawk li jrabbu l-bhejjem ikollhom iħallsu l-prezz kummerċjali sħiħ għat-tilqima.

L-iskema hija konformi mal-Kapitolu 2, Artikolu 10 tar-Regolament 1857/2006, peress li tagħti għajnuna sa 50 % tal-ispiża ta' produzzjoni tat-tilqima kontra l-bluetongue għall-SMEs. L-għajnuna għet ipprovduta direttament lill-produtturi tat-tilqima. Għalhekk il-produtturi għandhom jirċievu t-tilqima bil-prezz issussidjat meta tinxtara mill-veterinarju u tingħata *in natura* permezz ta' servizz issussidjat li mhux se jinvolvi ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

Ir-raħħala jistgħu jagħtu t-tilqima huma stess, għajr meta jkunu meħtieġa b'mod speċifiku l-amministrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni veterinarji.

Huwa maħsub li tul din l-iskema kollha se jintuża t-tilqim kollu, madankollu jekk lejn it-tmiem tal-perjodu ta' tilqim tax-xitwa 2008/9 ma jintużawx uħud mit-12-il miljun doża tat-tilqim, il-Gvern Skoċċiż għandu japplika għall-estensjoni tad-data tal-iskadenza ta' din l-iskema

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

Sejħa għal proposti — Programm Konġunt Armonizzat tal-Unjoni Ewropea ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi

(2009/C 18/09)

1. KUNTEST

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tniedi sejħa għal proposti (**ref. ECFIN/2008/A3-042**) biex isir **stħarriġ** bħala parti mill-Programm Konġunt Armonizzat tal-Unjoni Ewropea ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi (approvat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Lulju 2006 COM(2006)379) **fl-Irlanda**. Din il-kooperazzjoni għandha tieħu l-forma ta' qafas ta' ftehim ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-korpi speċjalizzati fuq perjodu ta' sentejn.

Il-programm huwa mfassal sabiex jgħbor informazzjoni dwar il-qagħda tal-ekonomiji fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi kandidati bl-għan li jkun jista' jsir tqabbil taċ-ċikli tan-negozju tagħhom għall-iskopijiet ta' ġestjoni tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Dan sar għodda indispensabbli fil-proċess ta' sorveljanza ekonomika tal-UEM, kif ukoll għal skopijiet ġenerali ta' politika ekonomika.

2. GĦAN U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAL-AZZJONI

2.1. Għanijiet

Il-programm konġunt armonizzat tal-UE jinvolvi korpi/istituzzjonijiet li jwettqu stħarriġiet tal-opinjoni fuq bażi ta' finanzjament konġunt. Il-Kummissjoni bħalissa qed tftitex li tikkonkludi ftehimiet ma' korpi u istituzzjonijiet li jkunu kkwalfikati kif jixraq biex għas-sentejn li ġejjin iwettqu wieħed jew aktar mill-istħarriġiet li ġejjin:

- Stħarriġ dwar l-investment
- Stħarriġ dwar il-kostruzzjoni
- Stħarriġ dwar il-kummerċ bl-imnut
- Stharrig dwar is-servizzi
- Stħarriġ dwar l-industrija
- Stħarriġ dwar il-konsumaturi

Barra minn hekk, stħarriġiet *ad hoc* dwar suġġetti ekonomiċi attwali qed jitwettqu flimkien mal-istħarriġiet li jsiru kull xahar, bl-użu tal-istess kampjuni stabbiliti bħall-istħarriġ li jsir kull xahar, sabiex jinkiseb tagħrif dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika. Dawn l-istħarriġiet *ad hoc* fihom infushom huma aktar okkażjonali.

L-istħarriġiet huma mmirati lejn il-manigġers fis-setturi tal-industrija, l-investment, il-kostruzzjoni, il-kummerċ bl-imnut u s-servizzi kif ukoll il-konsumaturi.

2.2. Speċifikazzjonijiet tekniċi

2.2.1. Kalendarju tal-isħarriġ u rappurtar tar-riżultati

It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali tal-isharriġiet mitluba fil-kuntest ta' din is-sejħa għal proposti:

Isem l-isħarriġ	Numru ta' attivitajiet/ kategoriji tad-daqs	Numru ta' aggregati	Numri ta' mistoqsijiet kull xahar	Numru ta' mistoqsijiet kull trimestru
Industrija	40/-	16	7	9
Investiment	6/6	2	2 mistoqsijiet f'Marzu/April 4 mistoqsijiet f'Ottubru/Novembru	
Kostruzzjoni	3/-	2	5	1
Kummerċ bl-imnut	7/v	2	6	-
Servizzi	18/-	1	6	1
Konsumatur	24 analiżi	1	14 (inklużi 2 mistoq- sijiet fakultattivi)	3

- L-isharriġiet ta' kull xahar għandhom isiru fl-ewwel ġimgħatejn sa tliet ġimgħat ta' kull xahar u r-riżultati għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-e-mail mill-inqas minn ħamsa sa sebat ijiem tax-xogħol qabel l-aħħar tax-xahar u skont il-kalendarju li jkun inkluż fil-ftehim speċifiku tal-għotja.
- L-isharriġiet trimestrali għandhom isiru fl-ewwel ġimgħatejn sa tliet ġimgħat tal-ewwel xahar ta' kull trimestru (Jannar, April, Lulju u Ottubru) u r-riżultati għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-e-mail mill-inqas minn ħamsa sa sebat ijiem tax-xogħol qabel l-aħħar ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru rispettivament u skont il-kalendarju li jkun inkluż fil-ftehim speċifiku tal-għotja.
- L-isharriġiet ta' kull sitt xhur dwar l-investiment għandhom jitwettqu f'Marzu/April u f'Ottubru/Novembru u r-riżultati għandhom jintbagħtu permezz ta' email lill-Kummissjoni mill-inqas ħames sa sebat ijiem qabel tmien April u Novembru rispettivament, u skont il-kalendarju li se jiġi inkluż fil-ftehim ta' għotja.
- Fil-każ tal-isharriġiet *ad hoc*, il-benefiċjarju għandu jintrabat li jikkonforma ruħu mal-kalendarji stabbiliti għalihom.

Deskrizzjoni dettaljata tal-azzjoni (Anness I tal-ftehim tal-għotja partikolari) tista' titniżżel mill-indirizz tal-websajt li ġej:

http://ec.europa.eu/economy_finance/procurements_grants/grants7989_en.htm

2.2.2. Metodoloġija u kwestjonarji

Detalji dwar il-metodoloġija, il-kwestjonarji u l-linji gwida internazzjonali dwar it-tmexxija tal-impriżi jin-sabu fil-gwida għall-utent dwar il-Programm Konġunt Armonizzat tal-Unjoni Ewropea ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi fl-indirizz tal-websajt li ġej:

http://ec.europa.eu/economy_finance/indicators/business_consumer_surveys/userguide_en.pdf

3. DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI U TUL TA' ŻMIEN

3.1. Dispożizzjonijiet amministrattivi

Il-korp jew l-istitut għandu jintgħażel għal perjodu massimu ta' **sentejn**. Il-Kummissjoni tixtieq tistabbilixxi kooperazzjoni fit-tul mal-applikanti magħżula. Għal dan il-għan, se jkun konkluż qafas ta' ftehim ta' sħubija bejn il-partijiet mifruq fuq sentejn. Fl-ambitu ta' dan il-qafas ta' ftehim ta' sħubija, li se jispeċifika l-għanijiet komuni u n-natura tal-azzjonijiet ippjanati, jistgħu jkunu konklużi żewġ ftehimiet ta' għotja annwali speċifiċi bejn il-partijiet. L-ewwel wieħed minn dawn il-ftehimiet ta' għotja speċifiċi se jikkonċerna l-perjodu minn Mejju 2009 sa April 2010.

3.2. Tul ta' żmien

L-istħarriġ jibda jiddekorri mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' April. It-tul ta' żmien tal-azzjoni ma jistax jaqbeż it-12-il xahar.

4. QAFAS FINANZJARJU

4.1. Sorsi ta' fondi Komunitarji

L-azzjonijiet magħżula se jkunu ffinanzjati mil-linja tal-baġit 01.02.02 — Il-koordinament u s-sorveljanza tal-unjoni ekonomika u monetarja.

4.2. Total stmat tal-baġit Komunitarju għal din is-sejħa

- Il-baġit annwali totali disponibbli għall-perjodu Mejju 2009 — April 2010 għal dawn l-istħarriġiet huwa ta' **EUR 75 000,00**.
- L-ammonti għas-sena ta' wara jistgħu jiżiedu, bla ħsara għall-mezzi finanzjarji disponibbli, b'madwar 2 %.

4.3. Perċentwali tal-kofinanzjament Komunitarju

Sehem il-Kummissjoni fil-finanzjament konġunt ma jistax jaqbeż il-50 % tal-ispejjeż eliġibbli sostnuti mill-benefiċjarju għal kull stħarriġ. Il-Kummissjoni tiddetermina l-perċentwal tal-kofinanzjament fuq bażi individwali.

4.4. Finanzjament tal-azzjoni mill-benefiċjarju u l-ispejjeż sostnuti

Il-benefiċjarju għandu jintalab jibgħat baġit dettaljat (feuro) għall-ewwel sena, li jkun fih stima tal-ispejjeż u tal-finanzjament tal-azzjoni. Se jiġi pprovdut baġit dettaljat għat-tieni sena, fl-ambitu tal-qafas ta' ftehim ta' sħubija skont sejħa mill-Kummissjoni.

L-ammont ibbaġitjat tal-għotja mitluba mill-Kummissjoni **għandu jkun imqarreb sal-eqreb għaxra**. Il-baġit għandu jiddaħħal fil-ftehim speċifiku tal-għotja bħala anness. Sussegwentement, il-Kummissjoni tista' tuża dawn iċ-ċifri għal finijiet ta' verifika.

L-ispejjeż eliġibbli jistgħu jiġu sostnuti biss wara li jsir l-iffirmar tal-ftehim speċifiku tal-għotja mill-partijiet kollha, ħlief f'każi eċċezzjonali u, taħt l-ebda ċirkostanza, qabel ma tkun intbagħtet l-applikazzjoni għal għotja. Kontributi f'oġġetti mhumiex meqjusa bħala spejjeż eliġibbli.

4.5. Arranġamenti għall-ħlas

Talba għal finanzjament minn qabel ta' 40 % tal-ammont massimu tal-għotja tista' tintbagħat mill-benefiċjarju fix-xahar ta' Settembru. Talba għall-ħlas tal-bilanċ flimkien ma' rendikont finanzjarju u lista dettaljata tal-ispejjeż għandhom jintbagħtu fi żmien xahrejn mid-data tal-għeluq tal-azzjoni (ara d-dettalji sħaħ fl-Artikoli 5 u 6 tal-ftehim speċifiku tal-għotja).

Kemm it-talba għal finanzjament minn qabel kif ukoll it-talba għall-ħlas tal-bilanċ għandhom ikunu preċeduti mis-sottomissjoni fi żmien xieraq tad-dejta li toħroġ mill-istħarriġiet tan-negozji u tal-konsumaturi.

Jiġu meqjusa bħala spejjeż eliġibbli dawk l-ispejjeż biss li jkunu rintraċċabbli u identifikabbli fis-sistema ta' kontabilità tal-ispiża tal-benefiċjarju.

4.6. Subkuntrattar

- Meta fi proposta l-ammont tas-servizzi mwettqa minn subkuntrattur ikun daqs jew iktar minn 50 % tax-xogħol, is-subkuntrattur għandu jipprovdi d-dokumenti kollha meħtieġa għall-valutazzjoni b'mod integrati tal-proposta tal-applikant fir-rigward tal-kriterji ta' esklużjoni, tal-għażla u ta' aġġudikazzjoni (ara l-punti 5, 6 u 7 hawn taħt). Dan jimplika li s-subkuntrattur għandu jaġti prova li huwa jissodisfa l-kriterju ta' esklużjoni, kif ukoll il-kriterji ta' għażla u ta' aġġudikazzjoni li jirrigwardaw il-kompiti li huwa se jwettaq.
- L-applikant għall-għotja għandu jaġġudika l-kuntratt lil dawk li jittgħu offerti li jkunu ppreżentaw l-offerta li toffri l-aħjar proporzjon bejn prezz u kwalità, waqt li joqgħod attent li ma jkunx hemm kunflitt ta' interessi. Fil-każ li s-subkuntrattur jaqbeż l-ammont ta' EUR 60,000.00, l-applikant ikun irid jiddokumenta, ladarba jintgħażel, li s-subkuntrattur intgħażel fuq il-bażi tal-aħjar proporzjon bejn prezz u kwalità.

4.7. Proposti konġunti

Fil-każijiet kollha ta' proposti konġunti, il-kompiti u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-membri kollha li jieħdu sehem fil-proposta għandhom jiġu identifikati sew. Il-membri kollha għandhom jipprovdu d-dokumenti kollha meħtieġa għall-valutazzjoni b'mod integrali tal-proposta fir-rigward tal-kriterji ta' esklużjoni, ta' għażla u ta' aġġudikazzjoni (ara l-punti 5, 6 u 7 hawn taħt) relatati magħhom.

Wieħed mill-membri parteċipanti għandu jassumi r-rwol ta' koordinatur u għandu:

- jassumi r-responsabbiltà ġenerali tas-sħubija fir-rigward tal-Kummissjoni,
- jissorvelja l-attivitajiet tal-membri parteċipanti l-oħra,
- jiżgura l-koerenza globali u s-sottomissjoni fil-ħin tar-riżultati tal-istħarriġ,
- jiċċentralizza l-firma tal-kuntratt u jagħti lill-Kummissjoni l-kuntratt iffirmit kif support mill-parteeċipanti kollha (anki permezz ta' prokura),
- jiċċentralizza l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni u jqassam il-pagamenti lill-parteeċipanti,
- jiġbor id-dokumenti ta' sostenn tan-nefqa sostnuta minn kull parteċipant u jippreżentahom f'sottomissjoni waħda.

5. KRITERJI TA' ELIĠIBILTÀ

5.1. Status ġuridiku tal-applikanti

Is-sejħa għal proposti hija miftuħa għall-korpi u istituzzjonijiet (entitajiet ġuridiċi) bi status ġuridiku f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE, il-Kroazja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jew it-Turkija. L-applikanti għandhom juru li huma jeżistu bħala entità ġuridika u jipprovdu d-dokumentazzjoni meħtieġa permezz tal-formola standard ta' entità ġuridika.

5.2. Raġunijiet għall-esklużjoni

Applikazzjonijiet għal għotja minn applikanti li jinsabu f'xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin ma jiġux ikkunsidrati ⁽¹⁾:

- (a) huma falluti jew qed jiġu stralċjati, għandhom l-attivitajiet tagħhom amministrati mill-qrati, daħlu f'ar-rangament mal-kredituri, issospendew l-attivitajiet tan-negozju tagħhom, huma s-suġġett ta' proċeduri dwar dawn l-affarijiet, jew jinsabu f'xi sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili pprovduta fil-leġiżlazzjoni jew regolamenti nazzjonali;
- (b) huma ġew misjuba ħatja ta' reat li jikkonċerna l-kondotta professjonali tagħhom b'sentenza li hija *res judicata*;
- (c) kienu ħatja ta' kondotta professjonali ħażina serja ppruvata bi kwalunkwe mezz li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiġġustifikaw;
- (d) huma ma ssodisfawx l-obbligi li jirrigwardaw il-pagament ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew il-pagament ta' taxxi skont id-dispożizzjonijiet ġuridiċi tal-pajjiż li fih huma stabbiliti jew ta' dawk tal-pajjiż tal-awtorità kontraenti jew ta' dawk tal-pajjiż fejn il-kuntratt għandu jiġi eżegwit;
- (e) kienu s-suġġett ta' sentenza li għandha s-saħħa ta' *res judicata* għal frodi, korruzzjoni, involviment f'organizzazzjoni kriminali, jew kwalunkwe attività illegali oħra li hi ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet;
- (f) wara proċedura oħra ta' akkwist jew ta' aġġudikazzjoni ta' għotja iffinanzjati mill-baġit Komunitarju, huma kienu ġew iddikjarati fi ksur kuntrattwali gravi minħabba li jkunu naqsu milli josservaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom;
- (g) ikunu f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess;
- (h) instabu ħatja ta' mizrapprezentazzjoni meta jagħtu l-informazzjoni mitluba jew jonqsu milli jagħtu din l-informazzjoni.

Mal-eliġibiltà l-applikanti għandhom jiċċertifikaw, permezz tal-formola ta' dikjarazzjoni standard, li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati taħt il-punt 5.2.

⁽¹⁾ Skont l-Artikoli 93 u 94 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

5.3. Penali amministrattivi u finanzjarji

1. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' penali stipulati fil-kuntratt, kandidati jew dawk li jittgħu offeriti u kuntratturi li nstabu ħatja li għamlu dikjarazzjonijiet foloz, jew ikunu nstabu fi ksur serju tal-obbligi kuntrattwali tagħhom fi proċedura ta' akkwist li tkun saret qabel, jistgħu jiġu esklużi mill-kuntratti u għotjiet kollha ffinanzjati mill-baġit Komunitarju għal perjodu massimu ta' sentejn mid-data li fiha jkun għe stabbilit il-ksur, kif ikkonfermat wara proċedura kontenzjuża mal-kuntrattur. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal tliet snin fil-każ ta' offiża oħra fi żmien ħames snin minn meta jkun sar l-ewwel ksur.

Dawk li jittgħu offeriti jew kandidati li għamlu dikjarazzjonijiet foloz jistgħu jkunu suġġetti wkoll għal penali finanzjarji li jirrappreżentaw minn 2 % sa 10 % tal-valur totali stmat tal-kuntratt li jkun qed jiġi aġġudikat.

Kuntratturi li nstabu fi ksur serju tal-obbligi kuntrattwali tagħhom jistgħu jirċievu penali finanzjarji li jirrappreżentaw minn 2 % sa 10 % tal-valur totali tal-kuntratt ikkonċernat. Din ir-rata tista' tiżdied għal 4 % sa 20 % fil-każ ta' offiża oħra fi żmien ħames mid-data tal-ewwel ksur.

2. Fil-każijiet msemmija fil-punti 5.2 (a), (c) u (d) il-kandidati jew dawk li jittgħu offeriti għandhom ikunu esklużi mill-kuntratti u għotjiet kollha għal perjodu massimu ta' sentejn mid-data li fiha jkun għe stabbilit il-ksur, kif ikkonfermat wara proċedura kontenzjuża mal-kuntrattur.

Fil-każijiet msemmija fil-punti 5.2 (b) u (e), il-kandidati jew dawk li jittgħu offeriti għandhom ikunu esklużi mill-kuntratti u għotjiet kollha għal perjodu minimu ta' sena u massimu ta' erba' snin mid-data tan-notifika tas-sentenza.

Dawk il-perjodi jistgħu jiġu estiżi għal ħames snin fil-każ ta' ksur ripetut fi żmien ħames snin tal-ewwel ksur jew l-ewwel sentenza.

3. Il-każijiet msemmija fil-punt 5.2. (e) għandhom ikunu dawn li ġejjin:
 - (a) każijiet ta' frodi msemmija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1995;
 - (b) każijiet ta' korruzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-għieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imfassla mill-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Meju 1997;
 - (c) każijiet ta' involviment f'organizzazzjoni kriminali, kif definita fl-Artikolu 2(1) tal-Azzjoni Konġunta 98/733/ĠAI tal-Kunsill;
 - (d) każijiet ta' ħasil ta' flus kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE.

6. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

L-applikanti għandhom ikollhom sorsi finanzjarji sodi u biżżejjed biex isostnu l-attività tagħhom tul iż-żmien li fih se ssir l-azzjoni. L-applikanti għandhom ikollhom il-kompetenzi u l-kwalifiki professjonali meh-tieġa biex ilestu l-azzjoni proposta jew il-programm ta' xogħol.

6.1. Kapaċità finanzjarja tal-applikanti

L-applikanti għandu jkollhom il-kapaċitajiet finanzjarji li jlestu l-azzjoni proposta u għandhom jipprovdu l-karti tal-bilanċ u l-kontijiet ta' qligħ u telf, għall-aħħar sentejn finanzjarji li fihom nqas l-kontijiet. Din id-dispożizzjoni ma tgħoddx għal entitajiet pubbliċi u għal organizzazzjonijiet internazzjonali.

6.2. Kapaċità operattiva tal-applikanti

L-applikanti għandu jkollhom il-kapaċità operattiva li jlestu l-azzjoni proposta u għandhom jipprovdu d-dokumentazzjoni ta' sostenn xierqa.

Għandhom jintużaw il-kriterji li ġejjin biex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-applikant:

- Mill-inqas tliet snin esperjenza ppruvata fit-tħejjija u t-twertiq tal-istharrġiet.
- Esperjenza ppruvata fl-evalwazzjoni tar-riżultati tal-istharrġ u l-indirizzar ta' kwistjonijiet metodoloġiċi (kampjuni, kwestjonarji u ppjanar).

- Kapaċità li japplikaw il-metodoloġija tal-Programm Konġunt Armonizzat tal-Unjoni Ewropea ta' Stħarriġiet fl-Impriżi u l-Konsumaturi u li jikkonformaw mal-linji gwida internazzjonali dwar it-tmexxija ta' stħarriġiet dwar l-impriżi u l-konsumaturi żviluppata b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-OECD (ara l-punt 2.2.2), kif ukoll mal-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni: li jilħqu ż-żmien għar-rappurtaġġ ta' kull xahar, li jimplimentaw titjib u tibdil fil-programm tal-istħarriġ hekk kif jitolbu s-servizzi tal-Kummissjoni, skont il-ftehimiet milħuqa fil-laqgħat ta' koordinament mar-rappreżentanti tal-entitajiet/istitutizzjonijiet kollaboraturi.

7. KRITERJI TAL-AĠĠUDIKAZZJONI

Għandhom jintużaw il-kriterji li ġejjin fl-aġġudikazzjoni tal-ftehim lill-kandidati magħżula:

- Il-livell ta' kompetenza u esperjenza tal-kandidat fl-oqsma msemmija taħt il-punt 6.2.
- Il-livell ta' kompetenza u esperjenza tal-kandidat fit-tiswir ta' indikaturi bbażati fuq ir-riżultati tal-istħarriġ u fl-użu tar-riżultati tal-istħarriġ għall-analiżi u r-riċerka ċiklika u ekonomika, inkluża l-analiżi skont is-settur.
- L-effikaċja tal-metodoloġija tal-istħarriġ propost inkluż l-iskema tat-teħid tal-kampjun, id-daqs tal-kampjun, il-limiti ta' kemm tkopri r-rata ta' kopertura, ir-rata ta' rispons, eċċ.
- Il-livell ta' kompetenza u għarfien tal-kandidat tal-karatteristiċi speċjali tal-istħarriġ tas-settur u l-pajjiż fejn bi ħsiebhom iwettqu l-istħarriġ.
- L-effiċjenza tal-kandidat fl-organizzazzjoni tax-xogħol, fejn jirrigwarda l-flessibbiltà, l-infrastruttura, il-persunal kwalifikat u l-faċilitajiet għat-twettiq tax-xogħol, ir-rappurtar tar-riżultati, is-sħubija fit-tħejjija tal-istħarriġ fl-ambitu tal-programm konġunt armonizzat u l-komunikazzjoni mal-Kummissjoni.

8. PROĊEDURI PRATTIĊI

8.1. Tfassil u preżentazzjoni ta' proposti

Il-proposti għandu jkollhom **formola standard ta' applikazzjoni għal għotja** mimlija u ffirmata u d-dokumenti ta' sostenn kollha msemmija fil-formola. L-applikanti jistgħu jibagħtu proposti għal stħarriġ wieħed jew aktar.

Il-proposti għandhom jiġu ppreżentati fi tliet taqsimiet:

- proposta amministrattiva
- proposta teknika
- proposta finanzjarja

Fil-każ ta' preżentazzjoni ta' proposti għal diversi stħarriġiet, huwa biżżejjed li tiġi inkluża fl-applikazzjoni proposta amministrattiva waħda biss u, fejn xieraq, proposta teknika biss, jew parti komuni minnha.

Il-formoli standard li ġejjin jistgħu jinkisbu mill-Kummissjoni:

- formola standard ta' applikazzjoni għal għotja
- rendikont standard ta' baġit biex jiġu pprovduti stimi tal-ispejjeż u l-pjan finanzjarju tal-istħarriġ
- formola standard ta' identifikazzjoni finanzjarja
- formola standard ta' entità ġuridika
- formola standard ta' dikjarazzjoni dwar l-eliġibbiltà
- formola standard ta' dikjarazzjoni li turi l-kunsens għall-iffirmar tal-qafas ta' ftehim ta' sħubija u l-ftehim ta' għotja speċifika
- formola standard dwar is-subkuntrattar
- formola standard għad-deskrizzjoni tal-metodoloġija tal-istħarriġ

kif ukoll dokumentazzjoni li tirrigwarda l-aspetti finanzjarji tal-għotja:

- *aide-mémoire* għat-tfassil ta' stimi finanzjarji u rendikonti finanzjarji
- mudell tal-qafas ta' ftehim ta' sħubija
- mudell tal-ftehim ta' għotja annwali speċifika

(a) billi tniżżilhom mill-indirizz tal-Internet li ġej:

http://ec.europa.eu/economy_finance/procurements_grants/grants7989_en.htm

(b) f'każ li l-ewwel għażla mhijiex possibbli, billi tikteb lill-Kummissjoni fl-indirizz postali:

Kummissjoni Ewropea
 Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
 Unità ECFIN-A-3 (Stħarriġiet ta' impriżi)
 Sejħa għal proposti — ECFIN/2008/A3-042
 BU-1 3/146
 B-1049 Brussell
 Faks (32-2) 296 36 50
 E-mail: ecfin-bcs-mail@ec.europa.eu
 Jekk jogħġbok agħmel referenza għal "Sejħa għal proposti — ECFIN/2008/A3-042"

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li temenda dawn id-dokumenti standard skont il-ħtiġijiet tal-programm kon-
 ġunt armonizzat tal-UE u/jew restrizzjonijiet tal-ġestjoni baġitarja.

Il-proposti għandhom jintbagħtu f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità Ewropea flimkien ma' traduzzjoni
 fil-lingwa Ingliża, fil-lingwa Franċiża jew fil-lingwa Ġermaniża, fejn xieraq.

L-applikant għandu jipprovi **proposta waħda oriġinali ffirmata u tliet kopji, jekk jista' jkun mhux stej-
 piljati**. Dan iħaffef ix-xogħol amministrattiv meta jitħejjew il-kopji/id-dokumenti kollha meħtieġa għall-kumi-
 tat(i) ta' għażla.

Il-proposti għandhom jintbagħtu b'mod issiġillat ġewwa envelop ieħor issiġillat.

L-envelop ta' barra għandu jkollu l-indirizz mogħti fil-punt 8.3 hawn taħt.

L-envelop issiġillat ta' ġewwa li jkun fih il-proposta għandu jiġi mmarkat bil-kliem "Sejħa għal proposti —
 ECFIN/2008/A3-042, not to be opened by the internal mail department".

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-kandidati li rċeviet il-proposta tagħhom billi tibgħatilhom lura l-avviż
 ta' wasla li tkun intbagħtet mal-proposta.

8.2. Kontenut tal-proposti

8.2.1. Proposta amministrattiva

Il-proposta amministrattiva għandha tinkludi:

- *Formola standard ta' applikazzjoni għal* għotja ffirmata kif xieraq.
- *Formola standard ta' entità ġuridika* mimlija u ffirmata kif xieraq u d-dokumentazzjoni ta' sostenn mitluba
 li ttipprova l-istatus ġuridiku tal-korp jew istituzzjoni.
- *Formola standard ta' indentifikazzjoni finanzjarja* mimlija u ffirmata kif xieraq.
- *Formola standard ta' dikjarazzjoni dwar eliġibbiltà* ffirmata kif xieraq.
- *Formola standard ta' dikjarazzjoni li turi l-kunsens għall-iffirmar tal-qafas ta' ftehim ta' sħubija u l-ftehim ta'
 għotja speċifika* ffirmata kif xieraq, jekk il-proposta tkun magħżula.
- *L-organigramma* tal-korp jew l-istitut, li turi l-ismijiet u l-pożizzjonijiet tad-direzzjoni u tas-servizz operat-
 tiv responsabbli mit-tmexxija tal-istħarriġ.
- *Prova ta' qagħda finanzjarja* soda: għandhom jiġu meħmużin karti tal-bilanċ u kontijiet ta' qligħ u telf
 mis-sentejn finanzjarji ta' qabel, jiġifieri l-2007 u l-2006 li fihom ingħalqu l-kontijiet.

8.2.2. Proposta teknika

Il-proposta teknika għandha tinkludi:

- *Deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-korp jew l-istitut* li tippermetti li ssir il-valutazzjoni tal-kwalifiki tagħha u l-iskop u t-tul tal-esperjenza tagħha fl-oqsma mitluba taħt il-punt 6.2. Dan għandu jfisser kwalunkwe studju, kuntratt ta' servizz, xogħol ta' konsulenza, stħarriġ, pubblikazzjoni jew xogħol ieħor imwettaq qabel, bl-indikazzjoni tal-isem tal-klijent u anki jiġi ddikjarat liema, jekk hemm, kienu saru għall-Kummissjoni Ewropea. Għandhom jiġu mehmuża l-iktar studji u/jew riżultati rilevanti.
- *Deskrizzjoni dettaljata tal-organizzazzjoni operattiva* biex jitwettqu l-istħarriġiet. Għandha tiġi mehmuża d-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-infrastruttura, il-faċilitajiet, ir-riżorsi u l-persunal kwalifikat (CV's konċiżi tal-persunal li l-iktar huma involuti fit-twettiq tal-istħarriġ(iet)) għad-dispożizzjoni tal-applikant.
- *Formoli standard* mimlija b'mod korrett li jagħtu *deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija tal-istħarriġ*: skema tat-teħid tal-kampjun, żball ta' kampjunar, daqs tal-kampjun, limiti ta' kemm tkopri r-rata ta' kopertura, rata ta' rispons, eċċ.
- *Formola standard* mimlija b'mod korrett dwar is-subkuntratturi involuti fl-azzjoni, inkluża deskrizzjoni dettaljata tax-xogħlijiet li għandhom jiġu subkuntrattati.

8.2.3. Proposta finanzjarja

Il-proposta finanzjarja għandha tinkludi:

- *Rendikont standard ta' baġit* mimli b'mod korrett (f'euro), li jkopri perjodu ta' 12-il xahar, għal kull stħarriġ, li jkun fih pjan finanzjarju tal-azzjoni u analiżi dettaljata tal-ispejjeż eliġibbli globali u ta' unitajiet biex jitmexxa l-istħarriġ, inklużi spejjeż ta' subkuntrattar.
- *Ċertifikat ta' eżenzjoni mill-VAT*, jekk applikabbli.
- *Dokument li jiċċertifika l-kontribuzzjoni finanzjarja minn organizzazzjonijiet oħra* (kofinanzjament), jekk applikabbli.

8.3. Indirizz u data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-proposti

L-applikanti li huma interessati f'dawn l-għotjiet huma mistiedna jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea.

L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu:

- (a) jew **bil-posta rreġistrata** jew **bis-servizz ta' konsenja indipendenti** bit-timbru tal-posta li ma jkunx **iktar tard mill-20 ta' Frar 2009**. Il-prova tad-data ta' li fiha ntbagħtet l-applikazzjonijiet għandha tiġi stabbilita bit-timbru tal-posta jew bid-data tal-karta ta' depożitu tas-servizz ta' kunsinna indipendenti fl-indirizz li ġej:

Bil-posta rreġistrata:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
Għall-attenzjoni tas-Sur Johan VERHAEVEN
Sejħa għal proposti ref. ECFIN/2008/A3-042
Unità R2, Uffiċċju BU24 — 4/4/11
B-1049 Brussell

Bis-servizz ta' konsenja indipendenti:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
Għall-attenzjoni tas-Sur Johan VERHAEVEN
Sejħa għal proposti ref. ECFIN/2008/A3-042
Unità R2, Uffiċċju BU24 — 4/11
Avenue du Bourget, 1-3
B-1140 Brussell (Evere)

- (b) jew bil-konsenja lis-**servizz tal-posta ċentrali tal-Kummissjoni Ewropea** (konsenja personali jew konsenja minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat tal-applikant, inkluż is-servizzi ta' konsenja personali) fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
Għall-attenzjoni tas-Sur Johan VERHAEVEN
Sejħa għal proposti ref. ECFIN/2008/A3-042
Unità R2, Uffiċċju BU24 — 4/11
Avenue du Bourget, 1-3
B-1140 Brussell (Evere)

mhux iktar tard mill-20 ta' Frar 2009 sal-16:00 (ħin ta' Brussell). F'dan il-każ, il-prova tas-sottomissjoni tkun permezz ta' rċevuta ddatata u ffirmata mill-uffiċjal li jilqa' l-offerti fid-dipartiment imsemmi iktar 'il fuq.

9. X'ISIR MILL-APPLIKAZZJONIJIET LI JASLU?

L-applikazzjonijiet kollha jiġu verifikati sabiex jiġi aċċertat jekk jissodisfawx il-kriterji uffiċjali ta' eliġibbiltà.

Il-proposti li jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli jiġu evalwati skont il-kriterji ta' aġġudikazzjoni speċifikati hawn fuq.

Il-proċess ta' għażla tal-proposti se jsir matul **Frar/Marzu 2009**. Għandu jitwaqqaf kumitat ta' għażla għal dan l-iskop taħt l-awtorità tad-Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji. Il-kumitat għandu jkun magħmul minn tal-inqas tliet persuni li jirrappreżentaw minn tal-inqas żewġ unitajiet mingħajr ebda rabta ġerarkika bejniethom u jkollu s-segretarjat tiegħu stess responsabbli mill-komunikazzjoni mal-kandidat magħżul wara li tkun saret il-proċedura ta' għażla. Dawk il-kandidati li ma ġewx magħżula jiġu nnotifikati wkoll individwalment.

10. IMPORTANTI

Din is-sejħa għal proposti ma tikkostitwixxi xi tip ta' obbligu kuntrattwali min-naħa tal-Kummissjoni lejn xi korp/istituzzjoni li jkun qed jissottometti/tissottometti proposta fuq il-bażi tagħha. Kull komunikazzjoni dwar din is-sejħa għandha ssir bil-miktub.

L-applikanti għandhom jieħdu nota tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali li f'każ ta' aġġudikazzjoni jkunu obbligatorji.

Sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, id-dejta personali tiegħek tista' tkun trasferita lil servizzi interni ta' verifika, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Bord ta' Irregolaritajiet Finanzjarji u/jew lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Id-dejta tal-operaturi ekonomiċi li jkunu f'waħa mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 93, 94, 96(1)(b) u 96(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju tista' tiġi inkluża f'*database* ċentrali u kkomunikata lill-persuni maħtura mill-Kummissjoni, minn istituzzjonijiet oħra, minn aġenziji, minn awtoritajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 95(1) u (2) tar-Regolament Finanzjarju. Dan jirreferi wkoll għall-persuni b'setgħat ta' rappreżentanza, tat-teħid tad-deċiżjonijiet jew ta' kontroll fuq l-operaturi ekonomiċi msemmija. Kull parti li tiddaħħal fid-*database* għandha d-dritt li tiġi informata dwar id-dejta li tikkonċernaha, fuq talba lill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

SEJĦA GĦAL PROPOSTI — DĠ EAC/01/09

TEMPUS IV — RIFORMA TAL-EDUKAZZJONI OGHĦA PERMEZZ TA' KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI BEJN L-UNIVERSITAJIET

(2009/C 18/10)

1. GĦANIJIET U DESKRIZZJONI

Il-programm Tempus qiegħed ikompli għar-raba' fażi li tkopri l-perjodu 2007-2013.

L-għan ġenerali tal-programm se jkun li jikkontribwixxi lejn il-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni oghħa bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-pajjiżi sħab fiż-żona tal-madwar. Partikolarment, il-programm se jgħin fil-promozzjoni tal-konverġenza volontarja ma' żviluppi tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni oghħa li jirriżultaw mill-aġenda ta' Liżbona u l-proċess ta' Bolonja.

Tempus jippromwovi l-kooperazzjoni multilaterali fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oghħa, l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi sħab u jiffoka fuq ir-riforma u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni oghħa.

Il-proġetti nazzjonali għandhom jaderixxu ma' prijoritajiet nazzjonali li huma stabbiliti permezz ta' djalogu mill-qrib bejn id-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet rilevanti fil-pajjiżi sħab. Proġetti multilaterali għandhom jikkonformaw ma' prijoritajiet reġjonali li ġew definiti skont l-aġenda ta' modernizzazzjoni tal-UE fil-qasam tal-edukazzjoni oghħa u kif identifikat mid-dokumenti strateġiċi tal-Kummissjoni li jikkonċernaw il-pajjiżi ġirien, l-Ażja Ċentrali u daww f'fażi ta' qabel l-adeżjoni fl-UE.

Iż-żewġ strumenti ewlenin għall-kooperazzjoni f'din is-sejħa għall-proposti Tempus huma:

- **Proġetti Konġunti:** proġetti b'approċċ "minn isfel għal fuq" bil-għan li jimmodernizzaw u jirrifurmaw **fl-livell istituzzjonali (universitarju)**. Proġetti Konġunti għandhom l-għan li jimmodernizzaw il-kurrikuli universitarji u l-governanza permezz ta' trasferiment ta' għarfien bejn universitajiet, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet mill-UE u mill-pajjiżi sħab kif ukoll bejn entitajiet mill-pajjiżi sħab skont kif ikun xieraq,
- **Miżuri Strutturali:** proġetti li jfittxu li jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp u r-riforma tas-**sistemi ta' edukazzjoni oghħa** fil-pajjiżi sħab, kif ukoll biex itejbu l-kwalità u r-rilevanza tagħhom, u biex iżidu l-konverġenza tagħhom ma' żviluppi tal-UE. Il-Miżuri Strutturali se jikkonċernaw interventi maħsuba biex jappoġġaw riforma strutturali tas-**sistemi ta' edukazzjoni oghħa** u żvilupp ta' qafas strateġiku **fil-livell nazzjonali**.

2. APPLIKANTI ELIĠIBBLI

L-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jistgħu jieħdu sehem fil-Programm Tempus ivarjaw minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni oghħa għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet mhux akkademiċi bħalma huma għaqdiet mhux governattivi, kumpaniji, industrij u awtoritajiet pubbliċi.

Dawn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fl-erba' gruppi ta' pajjiżi eliġibbli li ġejjin:

- Is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,
- 6 pajjiżi tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent: L-Albanija, il-Bożnja u Herzegovina, il-Kroazja, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja, kif ukoll il-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni UNSC 1244/99,
- 15-il pajjiż fiż-żona tan-Nofsinhar u l-Lvant fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea: L-Alġerija, l-Eġittu, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Territorju Palestinjan okkupat, is-Sirja, it-Tuneżija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Ukrajna,
- il-Federazzjoni Russa,
- 5 Repubbliki tal-Ażja Ċentrali: Il-Każakistan, il-Kirgistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Użbekistan.

3. BAĠIT U TUL TAL-PROĠETT

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament tal-proġetti jilħaq is-somma ta' EUR 53 miljun.

Il-kontribut finanzjarju mill-Kummissjoni ma jstax jaqbeż id-90 % tat-total tal-ispejjeż eliġibbli diretti.

Id-**daqs minimu tal-għotja** sew għall-Proġetti Konġunti kif ukoll għall-Miżuri Strutturali se jkun ta' **Eur 500 000**. Id-**daqs massimu tal-għotja** se jkun ta' **EUR 1 500 000**. Fil-każ tal-**Kosovo** ⁽¹⁾, **il-Montenegro** u l-ħames pajjiżi tal-**Ażja Ċentrali**, id-**daqs minimu tal-għotja** għal proġetti nazzjonali (taż-żewġ tipi) huwa stabbilit għal **EUR 300 000**.

It-tul massimu tal-proġetti huwa ta' 36 xahar.

4. DATA TAL-GĦELUQ

L-applikazzjonijiet għall-Proġetti Konġunti u għall-Miżuri Strutturali għandhom jintbagħtu mhux aktar tard mit-**28 ta' April 2009 fl-16:00** Ħin Ċentrali Ewropew tas-Sajf.

5. GĦAL AKTAR TAGĦRIF

It-test sħiħ tas-sejħa għal proposti u l-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli fil-websajt li ġejja: <http://ec.europa.eu/tempus>

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fit-test sħiħ u għandhom jitressqu fuq il-formoli pprovduti fil-websajt.

⁽¹⁾ Skont UNSCR 1244/99

PROCĊDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5313 — Serendipity Investment/Eurosport/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 18/11)

1. Fis-16 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 u wara referenza skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li biha l-impriża Serendipity Investment SAS ("Serendipity Investment", Franza), ikkontrollata b'mod konġunt mill-Bouygues Group u mill-Financière Pinault Group, u l-impriża Eurosport SA ("Eurosport", Franza), ikkontrollata mill-Bouygues Group, akkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt tal-impriża SPS ("SPS", Franza) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Serendipity Investment: hija kumpanija għall-investment kapitali li tinvesti f'impriżi ta' daqs medju u li tipprovdi konsulenza u servizzi fl-amalgamazzjonijiet u xiri korporattivi,
- għal Eurosport: ixandar bosta kanali sportivi tat-Televiżjoni, jamministra bi sħab jew jippubblika siti tal-internet dedikati għall-aħbarijiet sportivi u għandu iŧi ishma f'kumpanija speċjalizzata fil-produzzjoni u l-amministrazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-isports.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li t-transizzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija rriżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5313 — Serendipity Investment/Eurosport/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5463 — Hitachi/Hitachi Koki)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 18/12)

1. Fl-14 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika għal konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Hitachi, Ltd. (il-Ġappun, parti mill-Hitachi Group) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, kontroll ta' parti minn Hitachi Koki Co., Ltd. (il-Ġappun) permezz ta' offerta pubblika mħabbra fl-14 ta' Jannar 2009.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Hitachi: sistemi tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni, apparati elettroniċi, sistemi tal-enerġija u industrijali, prodotti għall-midja diġitali u għall-konsumatur, materjal u komponenti ta' funzjonalità għolja, loġistika, servizzi u oħrajn, servizzi finanzjarji,
 - għal Hitachi Koki: il-manifattura ta' għodda li jaħdmu bl-elettriku u l-manifattura ta' strumenti għax-xjenza dwar organiżmi ħajjin
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija rriżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal.faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5463 — Hitachi/Hitachi Koki, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.

NOTA LILL-QARREJ

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati. Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.